# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Mejju 2001

Nru. 829



# DUN ĠORĠ

## Pajjiżna jifraħ bl-ewwel tliet Beati

Żjara tal-Papa f' Malta • Mejju 2001

"Kunu Ħbieb ta' l-Evanġelju."

Dun Ġorġ Preca


TOYOTA
This is the only way to fold a Yaris.
YARiS
YARIS. THE SAFEST SMALL CAR IN EUROPE*. You'd think that in a small car you're less protected. Now, with the Yaris you will certainly change your mind. The Yaris has recently scored best in class in the latest EuroNCAP side and front crash tests. With 29 points, the Yaris ranked third of all cars ever tested by EuroNCAP! Add to that double airbags and pre-tensioned seat belts as standard with ABS as an option and you have the safest small car in Europe. Besides setting new safety standards, the Yaris, offers exceptional interior space and modularity, its high-position seating and no less than 13 storage compartments keep all this room free of clutter.
If the Yaris is a perfect combination of security and comfort, it is also a joy to drive. The Yaris provides the optimum balance between performance and fuel efficiency with two advanced 1.0 litre and 1.3 litre VVT-i (Variable Valve Timing with intelligence) engines.Yaris is about a new way of designing cars, beginning with the most valuable and sophisticated component: you.
www.toyota.com
* Based on side and front crash tests data, gathered independently by the European New car Assessment Program (NCAP).
EURO NCAP
www.euroncap.com
★★★★
Four stars
29 points
debono • Rohan Arch - Zebbug • Tel: 465806, 465642. Fax: 464095.
PARDI ENTERPRISES LTD.
Gozo Dealer. Tel: 556678, 553715
16815-12/2000

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu – Is-Siniskalk iżur Għawdex • 9
L-Intervista - Dun Ġorġ Preca u s-Soċjeta` tal-M.U.S.E.U.M. • 10
Nitolbu mal-Beatu Dun Ġorg Preca • 16
It-Tliet Kandidati għall-Beatifikazzjoni • 18
Rakela • 20
Il-Museum tas-Subien f'Għawdex • 22
Programm Uffiċċjali taż-Żjara tal-Papa f'Malta • 25
Bookmark • 26
Ejja, Mbierek, ħu sehem fis-Saltna • 27
Innu lil Dun Ġorġ Preca • 28
Poeżija - L-Arloġġ • 29
Appostlu tat-Tagħlim Nisrani • 30
Ħjiel ta' Ħajjet Dun Ġorġ Preca • 32
Ħjiel ta' Ħajjet Adeodata Pisani • 33
Ħjiel ta' Ħajjet Injazju Falzon • 34
Xi tfisser Beatifikazzjoni • 35
Profeta tal-Konċilju Vatikan II • 36
Mill-Knisja fid-Dinja • 37
Drawwiet Missirijietna - It-Twemmin Fieragħ ta' l-Għawdxin (1) • 38
Wirt Għiritna – Il-Mużew tal-Folklor (2) • 42
Ħarsa lejn il-Futur • 46
Għawdex Sportiv • 48
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 50

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**
**ĦARĠA SPEĊJALI**
**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 828**
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**
***Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**
***e-mail*: lumenchristi@waldonet.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**
**Abbonament : Lm3 Sostenitur: Lm 5**
**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex***
*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 t'April 2001.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*
**Ritratt tal-Qoxra:**
Dun Ġorġ - *Pittura ta' Esprit Barthet-1975*
*Museum Subien - Xewkija*

# EDITORJAL



## Il-Papa mill-ġdid fostna

*Għat-tieni darba fl-istorja ta' Malta l-Papa se jkun fostna. Din id-darba qed jinkitbu żewġ paġni glorjużi oħra ma' dawk li sebbħu l-istorja ta' pajjiżna. L-ewwelnett għandna l-fatt li l-preżenza tal-Papa Ġwanni Pawlu II fostna tfisser ħafna għalina l-Maltin. It-tieni għaliex f'din l-okkażjoni l-Papa sejjer jiddikjara Beatu lis-saċerdot Malti ħuna, magħruf għall-qdusija u l-ispiritwalità tiegħu: Dun Ġorġ Preca, fundatur tas-soċjetà tal-Museum. Dan huwa unur mhux biss għas-soċjetà tal-Museum imma għal Malta kollha.*

*Il-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca tfisser li l-Knisja Kattolika qiegħda tapprova l-għaqda tal-Museum, soċjetà kollha kemm hi Maltija. Niftakru fl-evoluzzjoni li għaddiet minnha l-Knisja Kattolika f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Niftakru kemm il-Konċilju Vatikan II jħeġġeġ lil-lajċi nsara biex ikunu appostli fil-Knisja u jpattu għan-nuqqas ta' saċerdoti fid-dinja tal-lum. Qabel ma' l-Konċilju ħareġ id-digriet dwar l-Apostolat tal-Lajċi, Dun Ġorġ diġa kien jemmen li l-lajċi jistgħu jkunu appostli fost sħabhom il-ħaddiema u jiddedikaw ruħhom għat-tagħlim tar-reliġjon mingħajr ma jkunu saċerdoti jew reliġjużi. Nawguraw li bil-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca, l-Museum jikber u jixtered anki f'ħafna pajjiżi oħra.*

*Aħna ċerti li l-Papa jiġi milqugħ bil-qalb mill-Maltin kollha. Iċ-ċapċip ma jonqosx. Kulħadd sa jkun ferħan madwar il-persuna venerabbli u qaddisa tal-Papa. Nixtiequ li ċ-ċapċip ta' approvazzjoni għall-kelma tal-Papa jkun ġenwin u nifhmu sew dak li jgħidilna hu. Il-Papa, kif is-soltu jitkellem kull fejn imur, imiss il-feriti soċjali u morali tal-poplu li jkun ikellem. Anki meta jkun fostna jista' jkun li jsemmilna xi nuqqasijiet li għandna. Inkunu umli biżżejjed biex naċċettaw it-twissijiet li jagħtina bħala kelmiet ġejjin minn Kristu nnifsu li tiegħu l-Papa huwa l-Vigarju.*

*Nawguraw li l-miġja tal-Papa fostna tagħti lill-Knisja Maltija ħajja ġdida u kuraġġ għal iktar ħidma fejjieda fost il-Maltin.*




### *Pellegrinaġġ ta' San Girgor*

Nhar il-Ħadd 11 ta' Marzu fil-parroċċa ta' Kerċem ġiet iċċelebrata il-festa ta' San Girgor. Marbuta ma din il-festa huwa il-pellegrinaġġ penitenzjali li ta' kull sena jsir fi żmien ir-Randan. Din is-sena il-pellegrinaġġ sar nhar is-Sibt 10 ta' Marzu fis-6.00p.m. Waqt l-omelija Mons. Isqof qal li din is-sena hija dedikata lill-volontarjat, u li huma ħafna dawk f'pajjiżna li jwettqu xogħol ta' volontarjat. Dawn in-nies jixirqilhom ir-ringrazzjament tagħna għall-impenn tagħhom f'diversi gruppi u għaqdiet.

### *Ġimgħa tal-professjonisti*

Għat-tieni sena konsekuttiva, is-Sotto Kumitat għall-Hidma mal-profesjonisti fi ħdan il-KDAL, organizza l-Ġimgħa tal-professjonisti. Din saret mit-Tnejn 12 sal-Ġimgħa 16 ta' Marzu f'Dar Manresa, u l-laqgħat kienu jibdew fit-8.30 ta' fil-għaxija. Il-membri tal-professjonijiet ġew mistiedna permezz ta' invit personali. Fl-ewwel erbat'ijiem saru konferenzi minn Mons. Anton Borg. Nhar il-Ġimgħa 16 ta' Marzu bħala konklużjoni saret quddiesa mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi. Wara, uħud min dawk preżenti qagħdu għall-ikel flimkien fl-istess post. L-attendenza matul il-ġimgħa kienet inkuraġġanti.

### *Mons. Isqof ibierek il-Headquarters il-ġodda ta' l-iscouts.*

Nhar is-Sibt 17 ta' Marzu Mons. Isqof bierek il-Headquarters il-ġodda ta' l-iscouts f' Għawdex. Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex Ġiovanna Debono.

### *40 sena ordnati*



Nhar il-Ħadd 18 ta' Marzu, fil-knisja parrokkjali tal-Qala seba' saċerdoti fakkru l-40 sena mill-Ordinazzjoni tagħhom b'konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Isqof Cauchi. F'kelmtejn ta' l-okkażjoni Mons. Isqof ħeġġeġ lil dawk preżenti sabiex japprezzaw li għad hawn numru sabiħ ta' saċerdoti li kontinwament qed jagħtu ħinhom għall-ġid tal-komunita` Għawdxija. Mons. Isqof aċċenna għan-nuqqas ta' saċerdoti f'ħafna pajjiżi u ħeġġeġ lil kulħadd ħalli jitolbu għal aktar vokazzjonijiet.

### *Mons. Isqof jiltaqa' ma' l-irġiel f'Ta' Pinu*

Bħal fis-snin l-imgħoddija għall-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp, Mons . Isqof kellu laqgħa mal-irġiel fis-Santwarju Ta' Pinu fejn qaddes u għamel l-omelija. Fl-omelija Mons. Isqof tkellem dwar il-valuri nsara li għandu jżomm f'moħħu n-nisrani fuq il-post tax-xogħol.

## *Acies tal-Leġjun ta' Marija*

Nhar il-Ħadd 25 ta' Marzu sar l-*Acies* għal-leġjunarji kbar kollha t'Għawdex fil-knisja parrokkjali ta' San Ġwann Battista, x-Xewkija. Il-funzjoni bdiet fl-3.45p.m. bit-talb tal-bidu u r-rużarju mqaddes minn Mons. Rużar Borġ. Wara bdiet il-konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof mgħejjun min diversi diretturi spiritwali. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof ħeġġeġ lil-leġjunarji sabiex ikunu strumenti t'għaqda ħalli tingħeleb il-firda u l-polarizzazzjoni li hawn fostna. Imbagħad saret il-wegħda individwali u kollettiva lil Marija mil-leġjunarji preżenti, u tkompliet il-quddiesa.

## *Żjara ta' l-Isqof Cauchi fid-Dar ta' l-Anzjani f'San Lawrenz*




Fl-10 t'April Mons. Isqof żar il-proġett tad-dar ta' l-anzjani f'San Lawrenz. F'kelmtejn li għamel fil-preżenza tal-Kappillan, il-Kan. Mikiel Borg u membri tal-Kunsill Parrokkjali, Mons. Cauchi insista li l-Fondazzjoni Tobit, responsabbli minn dan il-proġett għandha tkompli taħdem biex ittejjeb is-sitwazzjonijiet ta' l-anzjani fil-gżira tagħna. L-Isqof ukoll faħħar il-Fondazzjoni Tobit għal din l-opra kbira ta' karita` fi ħdan id-djoċesi tagħna.

## *Kronaka tal-Viżta Pastorali*

F'dawn il-ġranet Mons. Isqof qiegħed jagħmel is-seba' vista pastorali tiegħu fil-parroċċi kollha tad-djoċesi ta' Għawdex. Hawnhekk qegħdin inġibu dawk l-attivitajiet u laqgħat li kellu Mons. Isqof matul ix-xahar ta' Marzu inkonnessjoni mal-Viżta Pastorali.

**Il-Ġimgħa 9 ta' Marzu,** fil-parroċċa tal-Katidral Mons. Isqof kellu laqgħa mall-miżżewwġin.

**Il-Ħadd 11 ta' Marzu,** Mons. Isqof fetaħ il-Viżta Pastorali fil-parroċċa ta' San Ġorġ.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu,** Mons Isqof kellu laqgħa mal-Presbiterju Parrokkjali tal-parroċċa ta' San Ġorġ.

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu,** Mons. Isqof għamel Viżta fil-kappella ta' Ħamet.

**Il-Ġimgħa 16 ta' Marzu,** Mons. Isqof għamel żjara fil-kappella ta' San Ġakbu.

**Il-Ħadd 18 ta' Marzu,** Mons. Isqof fetaħ il-Viżta Pastorali fil-parroċċa tax-Xagħra.



*Bidu tal-Viżta Pastorali fix-Xagħra*

**It-Tlieta 20 ta' Marzu,** fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika fir-Rabat, Mons. Isqof kellu laqgħa mad-diriġenti ta' l-għaqdiet taż-żewġ parroċċi tar-Rabat.

**Il-Erbgħa 21 ta' Marzu,** Mons. Isqof iltaqa' mal-Presbiterju Parrokkjali tal-parroċċa tax-Xagħra.

**Il-Ħamis 22 ta' Marzu,** Mons. Isqof kellu laqgħa mad-diriġenti ta' l-għaqdiet tal-parroċċa tax-Xagħra.

**Il-Ġimgħa 23 ta' Marzu,** Mons Isqof fil-parroċċa tal-Katidral kellu laqgħa maż-żgħażagħ u l-istudenti universitarji. Dakinhar ukoll Mons. Isqof iltaqa' mal-kunsill parrokkjali tal-parroċċa ta' San Ġorġ.

**Il-Ħadd 25 ta' Marzu,** Mons. Isqof fetaħ il-Viżta Pastorali fil-parroċċa taż-Żebbuġ.

**It-Tnejn 26 ta' Marzu,** Mons Isqof żar il-kappella tal-Lunzjata kif ukoll iltaqa' mal-Kunsill Parrokkjali u Presbiterali tal-parroċċa taż-Żebbuġ.

**It-Tlieta 27 ta' Marzu,** Mons. Isqof iltaqa' mall-Kunsill Parrokkjali tal-parroċċa tax-Xagħra.

**L-Erbgħa 28 ta' Marzu,** fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika, Mons. Isqof iltaqa' mal-katekisti taż-żewġ parroċċi tar-Rabat. Dakinhar ukoll Mons. Isqof iltaqa' mad-diriġenti ta' l-għaqdiet tal-parroċċa taż-Żebbuġ.

**Il-Ħamis 29 ta' Marzu,** Mons. Isqof żar il-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb f' taċ-Ċawla kif ukoll iltaqa' mal-katekisti tal-parroċċa taż-Żebbuġ.




Lelio Spiteri

## Padre Pio

Id-dramm fuq dan il-Beatu ttella' fl-Iskola Primarja tal-Qala s-Sibt 31 ta' Marzu u l-għada l-Ħadd 1 ta' April. Id-dramm li kien fih tliet atti kellu kitba u direzzjoni ta' Lino Grech.

## Seminar

Il-Fergħa Għawdxija tal-Moviment IVA - Malta fl-Ewropa tellgħet seminar fiċ-Ċentru għall-Għaqdiet mhux Governattivi x-Xewkija. It-tema kienet Għawdex u l-Unjoni Ewropeja - Żgħażagħ, Xogħol u Kultura. Is-*seminar* sar is-Sibt 17 ta' Marzu bl-iskop li jipprovdi iżjed informazzjoni fuq is-suġġetti msemmija fil-kuntest Għawdxi.

Fost l-oħrajn, taw sehemhom Dr. Raymond C. Xerri, Profs. Kenneth Wain, Fabio Pirotta u Gejtu Vella Segretarju Ġenerali ta' l-Unjon Ħaddiema Magħqudin.

## Jum il-Ħelsien



Is-Sibt 31 ta' Marzu, filgħodu Għawdex fakkar Jum il-Ħelsien b'ċerimonja fi Pjazza Indipendenza, Victoria. Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono poġġiet fjuri quddiem l-irħama kommemorattiva mwaħħla mal-faċċata tal-*Banca Giuratale*.

Il-banda tal-pulizija għamlet marċ minn Pjazza Savina sa Pjazza Indipendenza. Indaqqet il-fanfarra kif ukoll l-Innu Malti. Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm ukoll l-*ispeaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti Anton Tabone.

## *Apparat għall-Isptar Ġenerali t'Għawdex*

Il-Ħamis 29 ta' Marzu żdied l-apparat fid-dipartiment ta' l-*Out Patients* fl-isptar Ġenerali ta' Għawdex, *foetal heart detector* u *foetal heart and vascular detector*. Dawn il-magni jistgħu jinġarru u jintużaw f'kull sala. Dawn il-magni flimkien ma' sett tat-televixin u *video palyer/ recorder* ingħataw mill-Bank of Valletta. Il-Ministru għal Għawdex irringrazzjat lill-*management* tal-Bank of Valletta għall-għajnuna kontinwa li jagħti lil Għawdex. Is-Sur Saviour Muscat il-*manager* tal-fergħa Għawdxija tal-Bank qal li dan il-ġest jikkonferma l-impenn tal-bank biex jgħin lil Għawdex fl-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali.






## *Jum il-Premjazzjoni*

Matul dawn ix-xahrejn f'diversi skejjel ġiet organizzata din il-ġurnata fejn ġew ippremjati studenti li jkunu marru minn ta' quddiem fl-eżamijiet tagħhom. Fost dawn, l-iskola Primarja Peter Paul Grech f'Kerċem żammet dan il-Jum nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu. L-istudenti preżentaw programm varjat li kien jinkludi mimika ta' xena mill-film *Titanic* u l-*play* ta' John Bowen *The Fall and Redemption of Man*. Il-Kor ta' l-iskola kanta s-siltiet Leħen Wieħed, Flimkien u *Swallows*. F'din l-okkażjoni, is-sindku tal-Kunsill Lokali s-Sur Alfred Stelini preżenta *banner* bl-emblema ta' l-iskola lill-Kap ta' l-Iskola. Iċ-ċerimonja ntemmet b'diskorsi qosra mis-Sur Vincent Vella, kap ta' l-Iskola u mill-Ministru għal Għawdex.

## *Ktieb Ġdid*

*Edizzjoni Studia* ħarġet it-tielet volum minn erba' volumi tal-Profs. Joe Pirotta fuq l-istorja ta' l-Indipendenza tal-Gżejjer Maltin, *The Fortress Colony : The Final Act 1945 - 1964*. It-tielet volum jittratta dwar is-snin 1958 - 1961, snin determinanti fl-istorja ta' l-Indipendenza. Il-preżentazzjoni ta' dan il-volum sar fis-Sala tal-Moviment Azzjoni Soċjali f'Victoria nhar il-Ġimgħa 16 ta' Marzu. Mal-Profs. Pirotta kien hemm il-Profs. Dominic Fenech li kien iċ-*chairman* fuq il-*panel* u l-Onor. *Speaker* tal-kamra tad-deputati Anton Tabone. Mons. Anton Gauci u l-Maġġur Eddie Axisa li flimkien iddiskutew aspetti diversi tal-volum il-ġdid.



## *Inawgurazzjoni ta' Skultura u ta' Wirja ta' l-Arti*



Nhar is-Sibt 3 ta' Marzu il-Ministru għal Għawdex inawgurat skultura monumentali quddiem l-entratura ta' l-iskola Post-Sekondarja Sir M A Refalo. L-iskultura bl-isem ta' *The Liberation of Man*, inħadmet minn ħames studenti ta' l-Arti taħt id-direzzjoni ta' l-għalliem tagħhom l-artist Mario Cassar. L-istudenti ta' l-Arti flimkien ma' l-għalliem tagħhom ikkolaboraw ma' l-istudenti u l-għalliema tat-*Technical Institute* fi ħdan l-istess skola biex irrealizzaw din l-opra. Il-Ministru Debono inawgurat ukoll wirja bl-isem ta' Mergħat, wirja ta' pittura u skultura mill-istudenti li ħadu l-Arti fil-livell avvanzat u intermedju. Il-wirja, xogħol biz-zejt, bl-akrilika, bit-tempera u b'medji oħra kienet tinkludi ukoll mudelli teknoloġiċi li ġew ippreżentati mill-istudenti li jattendu l-iskola post-sekondarja bħala parti mill-kors Oqsma ta' l-Għerf.



## *Pubblikazzjoni ta' ktejjeb tal-Via Sagra u ħruġ ta' CD b'marċi funebri mill-Banda "Santa Marija" taż-Żebbuġ*




Il-Kumitat tal-Banda "Santa Marija" taż-Żebbuġ, Għawdex, għall-festi tal-Ġimgħa l-Kbira ħa ħsieb jippubblika ktejjeb tal-Via Sagra li jiġbor fih ukoll sett ta' kwadri tal-Passjoni ta' Kristu ta' l-artist Michele Busuttil li jinsabu fil-Knisja taż-Żebbuġ. L-istess kumitat ħareġ għall-ewwel darba *CD-cassette* b'marċi funebri. Il-marċijiet huma ġabra ta' mużika sagra ta' diversi surmastrijiet magħrufa. Dawn il-marċijiet indaqqu għall-ewwel darba waqt il-korteo penitenzjali fil-festa tad-Duluri, kif ukoll l-Erbgħa, 11 t'April f'kunċert ta' mużika sagra li sar fil-knisja. Kopja tal-ktejjeb kif ukoll tas-CD ġew ippreżentati mill-President tal-Banda, Ġorġ Cefai, lill-Arċipriet taż-Żebbuġ, il-Kan. Noel Saliba. Preżenti kien hemm ukoll Michael Saliba, delegat tal-Bandisti u Marlene Dimech, teżoriera.



## *Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali - Errata Corrige*

Bi żvista, fil-ħarġa ta' April, fejn ippubblikajna l-lista tal-Kandidati Eletti fl-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali ta' Marzu 2001, sar żball fir-ritratt tas-Sur Joseph Camilleri, il-Kunsillier elett f'isem il-Partit Laburista fuq il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ Għawdex.

Nixtiequ niskużaw ruħna għal kull inkonvenjent.

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 95

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2001

# Is-Siniskalk iżur Għawdex - spiża 103 skuti

Il-ħamsa u disgħin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi l-ispiża relatata mal-viżta uffiċjali f'Għawdex ta' l-Illustrissimu Sinjur Siniskalk fix-xahar ta' Mejju 1701. Tinsab reġistrata fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1700-1701), folju 30v-31r (NAG, UG, Acta, 9/1700–1701, f. 30v-31r).

Din hi transkrizzjoni tad-daħla għal-lista:

*Michele Agius, Tesoriero di questa Università del Gozzo, ritenerete l'infrascritta somma che d'ordine nostro havete speso nella vista e venuta dell'Illustrissimo Signore Senescalco nel mese di maggio primo passato, come segue, cioè ...*

Is-Siniskalk, skond l-istoriku Għawdxi Ġann Piet Franġisk Agius De Soldanis, hu "*cavaliere eletto dal Gran Maestro con diritto sul Militare in Malta e Gozo*", jiġifieri, kavallier li kellu s-setgħa fuq is-suldati, speċi l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Kavallieri f'Malta.

Iż-żjara uffiċjali tiegħu f'Għawdex swiet lill-Universitas is-somma ta' 103 skuti, irbiegħi, u 11-il-ħabba. Michele Agius, it-Teżorier ta' l-Universitas, għamel xejn inqas minn disgħa u tletin ħlas differenti. Huma ta' interess kbir għall-istorja soċjali ta' Għawdex. Inġibuhom bl-ordni li jidhru fil-lista.

Vitella jew għoġla tal-ħalib, 10 skuti; żewġ muntuni, 3 skuti, 8 irbiegħi; tnax-il tiġiega, 4 skuti; tnax-il serduk ta' l-Indja, 4 skuti, 6 irbiegħi; żewġ tużżani sriedaq imsewwija, 4 skuti; elf, mitejn, u ħamsin ħbejża, 5 ħabbiet il-waħda, 27 skut, 2 irbieghi, 15-il ħabba; erba' mundelli dqiq, 6 irbiegħi; is-sajran ta' torti u pastizzi, 8 irbigħi;

Sitt mija u tmenin bajda, 4 skuti, 2 irbigħi; mija u erbgħa ġbejniet friski mingħajr melħ, 10 irbigħi u 8 ħabbiet; mija u ħamsin ġobna moxxa, skut, 6 irbiegħi, 10 ħabbiet; ħalib, skut u 4 irbigħi; creta paesana, skut u 4 irbiegħi; ħamsin •••, skut u għaxar ħabbiet; misura d'oglio, 6 irbigħi u 6 ħabbiet; żewġt tumuli melħ, 5 irbigħi; insalata, 3 irbigħi;

Sitt skupi, irbiegħi; ħabel għal barmil (biex itella' l-ilma mill-bir), 4 irbiegħi; elemożina għall-kunvent ta' San Franġisk, 6 skuti; għall-ilma li nġarr mill-Għajn il-Kbira, skut u 4 irbigħi; għal żewġ lampi, irbigħi; għal biċċa virga, irbigħi;

Mastro Thomaso Pulis, mastrudaxxa, skut; Vittorio Grech, 4 irbiegħi; Giovanni Mercieca, skut u 4 irbiegħi; il-burdnari biex iġorru mill-port u jġorru lura il-bagalji tas-Siniskalk; 11 skut u 8 irbiegħi; is-suġġettieri, dawk li kienu jġorru lis-Siniskalk fuq siġġu, skut u 4 irbiegħi;

Xi servizzi, urinali, u l-kirja u l-ġarr tagħhom, 2 skuti u 6 irbiegħi; il-ġarr ta' dawn l-oġġetti lejn u mill-imsemmi kunvent, skut u 6 irbiegħi; Giacomo Magro għal kiri ta' xi ħwejjeġ, 5 skuti; żewġ kwartuċċi ta' ħall, irbiegħi; tliet qabdiet tiben, irbigħi u 10 ħabbiet; erba' kwartuċċi ta' inbid, tliet irbigħi u 12-il-ħabba; erbgħin ġobna moxxa, 5 irbiegħi; il-kaless għal usu ta' l-imħallef, 4 irbiegħi; tiswija ta' xi ħwejjeġ, irbgħajn; rikotta, 2 skuti u 6 irbiegħi; sebgħa vjaġġi mill-burdnari, 7 irbiegħî;

B'kollox 103 skuti, irbiegħi, u ħdax-il-ħabba.


Michele Agius Tes. dell' Univ.tà del Gozzo riterrete l'infrascritta somma che d'ordine nostro havete speso nella vista e venuta dell' Ill.mo Sig. Senescalco nel mese di maggio primo passato come segue, cioè -

10

3 - 8

L-INTERVISTA

# DUN ĠORĠ PRECA U S-SOĊJETA` TAL-M.U.S.E.U.M.

FL-OKKAŻJONI TAL-BEATIFIKAZZJONI TA' DUN ĠORĠ PRECA MILL-PAPA ĠWANNI PAWLU II WAQT IŻ-ŻJARA TIEGĦU F'MALTA, DUN EDDIE ZAMMIT INTERVISTA LIL JOHN FORMOSA, SEGRETARJU ĠENERALI TAS-SOĊJETA` TAD-DUTTRINA NISRANIJA - M.U.S.E.U.M.

***Kull nisrani hu msejjaħ għall-perfezzjoni, għall-qdusija, għall-għaqda ma' Alla. Mhux kulħadd iwieġeb bl-istess mod. Dun Ġorġ dis-sejħa ħadha bis-serjetà. X'kienu dawk iċ-ċirkustanzi jew persuni li għenuh iwieġeb b'tant ġenerożità lil Alla fil-mixja tiegħu fit-triq għall-qdusija?***

Wara Alla, Dun Ġorġ kien jaf il-qdusija tiegħu l-ewwelnett għat-trobbija tajba li kellu mill-ġenituri tiegħu. Niftakruh jgħid li hu kien jirringrazzja lil Alla li tah ġenituri li kienu jgħixu verament il-ħajja nisranija u li rabbewh fil-biżgħa t'Alla. Ma' dawn, meta beda jitfarfar, aktarx meta daħal il-Liċeo, għenu ħafna Dun Alwiġ Galea li kien id-direttur spiritwali tiegħu fis-snin tal-formazzjoni tiegħu għal saċerdot. Dun Alwiġ kien saċerdot qaddis u ta' intelliġenza mhux komuni, u li minnu Dun Ġorġ xorob ħafna. Miet fl-1905 meta Dun Ġorġ kien se jordna Djaknu. Kien hemm diversi persuni oħra li għenuh, min mod u min ieħor. Min-naħa tiegħu, imbagħad, Dun Ġorġ kompla jgħin lilu nnifsu bit-talb u l-qari tal-Bibbja u speċjalment tal-Evanġelju. Kien ukoll jaqra awturi kbar spiritwali (e.g. Missirijiet tal-Knisja, il-Kempis, San Franġisk de Sales, San Ġwann tas-Salib u oħrajn), li l-influwenza tagħhom tinħass fil-kitbiet tiegħu. Hu kien anki jgħin ruħu bil-qari tal-ħajjiet tal-Qaddisin li kien iħobb ukoll jirrakkomandahom lil dawk li kien jiddiriġi u lis-semmiegħa tiegħu.

***Kif nibtet fil-qalb ta' Dun Ġorġ ix-xewqa li jingħata għall-appostolat u jibda din il-ħidma ma' l-ewwel membri ta' dik li kellha tkun is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija?***




Jidher li Dun Ġorġ minn kmieni kien iħossu msejjaħ biex jgħin lil oħrajn jersqu aktar lejn Ġesù. Anki bħala seminarist żagħżugħ kien jieħu gost jgħallem lil dawk iżgħar minnu. Hu kien jemmen ħafna fil-prinċipju, li min jaf kemm irrepetih: *"Min tassew iħobb lil Alla ma jkunx kuntent li jħobbu waħdu, imma jħabrek li jarah maħbub ukoll mill-oħrajn."* U x'aktarx dan il-prinċipju kien li għagħlu jindiehes mal-grupp ta'

żgħażagħ li kienu jiltaqgħu jilagħbu fl-għalqa ta' Luċtu quddiem il-knisja ta' San Gejtanu, u jkellimhom fuq il-Passjoni ta' Kristu. L-episodju tas-sagristan fil-Ħamrun li, waqt li kien qed jħejji lit-tfal għall-ewwel tqarbina, Dun Ġorġ semgħu jgħallem ereżiji fuq Alla (*"Alla ħadd ma għamlu, iżda sar waħdu"!*) ġagħlu jaħseb ħafna. Hu fehem li min jindaħal biex jgħallem jeħtieġ li qabel xejn ikun istruwit sewwa fit-tagħlim nisrani. Imma bla dubju l-idea li jifforma grupp ta' katekisti li jkunu kapaċi jgħallmu lill-oħrajn kien iċċarat fih meta qara l-versett ta' San Pawl lil Timotju (2 Tim 2,2), u minħabba f'hekk Dun Ġorġ kien iqis lil San Pawl bħala l-veru Fundatur tal-MUSEUM!

***Fuq liema pedament Dun Ġorġ bena s-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M.?***

Sa mill-bidu tas-Soċjetà MUSEUM, Dun Ġorġ ried jibni fuq is-sod. Bħala bażi tat-tagħlim lill-ewlenin membri, huwa tahom it-tagħlim ta' Ġesù. Il-kliem tiegħU, (li għall-ewwel beda jsejjħilhom il-***"Massmi"*** u aktar tard ***"Leħen il-Maħbub"***), riedhom li jikkupjawhom u jitgħallmuhom bl-amment. Hu nnifsu ttraduċa għall-Malti s-sentenzi kollha ta' Ġesù mill-Vulgata (Bibbja bil-Latin). Kien iħobb jgħidilhom: "*Kunu ħbieb ta' l-Evanġelju.*" Sa mill-bidu wkoll għallimhom ikunu bnedmin ta' orazzjoni, u għal dan l-iskop ipprovdielhom ktejjeb ta' talb għal kuljum, li aktar 'il quddiem żviluppa f'dak li llum jissejjaħ l-**Arloġġ Museumin**. Dun Ġorġ poġġa quddiem iż-żgħażagħ tiegħu ideal sabiħ u nobbli, li hu esprimih tant tajjeb meta ta tifsira għall-kelma MUSEUM: "*Mgħallem, mhux li kien li d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju!*" Wara li għallimhom kif iħobbu tassew lil Ġesù, beda allura wkoll jgħinhom kif ikunu bnedmin ta' sagrifiċċju permezz ta' regolamenti li permezz tagħhom jgħixu aktar fuq l-ispirtu ta' Kristu li hu oppost għas-sentimenti tad-dinja.



***Fil-ħsieb ta' Dun Ġorġ is-Soċjetà kellha bħala għan ix-xandir tal-Bxara t-Tajba f'pajjiżna u barra minn xtutna. Però Dun Ġorġ fehem ukoll li dan ma jsirx bi frott jekk il-membri stess ma jitqaddsux. X'indikazzjonijiet ta lill-membri tas-Soċjetà biex jilħqu l-perfezzjoni bħala Soċji Museumini?***

Dun Ġorġ sa mill-bidu qiegħed bħala l-għanijiet ewlenin tas-Soċjetà MUSEUM il-qdusija tal-membri u t-tixrid tat-tagħlim Nisrani lit-tfal u lill-kbar (Cf. Regola SDC p.7). Hu kien jemmen li l-appostolat ġenwin hu dak li joħroġ minn ħajja qaddisa. Kien iħobb jirrepeti ta' spiss il-kliem tal-Ven. Frère Exupérien: "*Qaddsu lilkom infuskom, u Alla jinqeda bikom.*" U fil-ktieb Il-Benedicta (p. 61) jgħid: "*Biex tqanqal 'l-oħrajn sabiex jistqarru 'l Ġesù Kristu jeħtieġ li inti ġġibu ġà skolpit f'qalbek.*"

Bħala mezz għall-qdusija lis-Soċji tiegħu Dun Ġorġ tahom Regola adattata għall-ħajja lajka li jgħixu. Irrealizza li huma m'għandhomx il-ħitan tal-kunvent li jista' jipproteġihom mill-arja mundana ta' madwarna. Għal dan hu ħoloq sistema ta' talb, talb qasir imma ta' spiss, matul il-jum biex huma jkunu

jistgħu jgħixu kontinwament fil-preżenza ta' Alla.

Barra l-ispirtu ta' talb, talab mill-membri tiegħu siegħa ta' studju flimkien kuljum (l-"Assenjatur") u regolamenti oħra li, jekk josservawhom kif għandu jkun, żgur li jaslu għall-qdusija. U bħala għajnuna għad-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom hu kien jinsisti fuq id-direzzjoni spiritwali li riedha tkun regulari, doċli u sinċiera. Hu jipprojbixxi kull xorta ta' penitenzi esterni barra mill-ordinarju. Hu ried li l-penitenza ewlenija tas-Soċju għandha tkun filli jaċċetta minn idejn il-Providenza ta' Alla s-salib tiegħu ta' kuljum, u li juża ħniena ma' kulħadd. (Regola SDC §654).



***Il-qdusija ta' Dun Ġorġ tidher fl-intimità li huwa kellu ma' Alla fit-talb. F'diversi kotba tiegħu niskopru l-profondità ta' din l-intimità tiegħu m'Alla. Kif kien jitlob Dun Ġorġ?***

Għandna xorti kbira li għandna ħafna talb ta' Dun Ġorġ li l-biċċa kbira qed jiġu miġburin fis-serje ta' kotba bl-isem **"Ftuħ il-Qalb"**. Dawn il-kotba jikxfu ruħ Dun Ġorġ. L-isem ta' dan is-serje ta' kotba hu meħud minn talba tiegħu b'dan l-isem. Fil-fatt Dun Ġorġ hekk kien iħares lejn it-talb: il-qalb tinfetaħ quddiem Alla u tgħidlu l-bżonnijiet tiegħu u s-sentimenti tiegħu.

Hu kien jgħix kontinwament fil-preżenza t'Alla; anki l-inqas ħaġa (frotta, fjura, għasfur, tbissima ta' tarbija) kienet tfakkru f'Alla. Kien ifakkarna li "*aħna ngħixu f'Alla, fih niċċaqalqu u fih aħna aħna, bħal ħuta fl-ilma safi.*" Konsegwenza ta' din il-fidi kbira tiegħu f'Alla it-talb għal Dun Ġorġ kienet ħaġa naturali u kontinwu. It-talb tiegħu kien qasir, imma qawwi, u mimli kollu fiduċja f'Alla li kien iħares lejh bħal missier li lest biex jisma' lil ibnu.



Jiena kelli ċ-ċans narah jitlob, u anki kelli x-xorti li nitlob miegħu. Kont tista' tilmaħ f'wiċċu li t-talb tiegħu ma kienx biss ħaġa tax-xofftejn, imma kien ħiereġ minn persważjoni kbira f'qalbu. Il-mod kif kien irodd is-salib, l-inkini profondi u l-ġenuflessjonijiet tiegħu kienu ħwejjeġ li baqgħu impronti fija.

**Dun Ġorġ fi żmienu kien meqjus bħala Bniedem ta' Alla. Però meta u kif beda l-proċess li bih il-Knisja għarfet uffiċjalment il-qdusija tiegħu?**

Ftit żmien wara li miet Dun Ġorġ is-Superjur Ġenerali Ewġenju Borg talab lill-Mons. Arċisqof Gonzi jistudja l-possibbiltà li tinfetaħ il-Kawża għall-Beatifikazzjoni. F'Diċembru 1964, is-Soċjetà tal-Kleru Christus Rex, f'laqgħa għas-saċerdoti li organizzat biex tfakkar lil Dun Ġorġ, għamlet talba oħra formali lill-istess Arċisqof biex tfittex tinfetaħ il-Kawża. Imma l-Kawża infetħet uffiċjalment f'Ġunju 1975. Saru b'kollox 263 seduti, u nstemgħu

b'kollox 86 xhieda bil-ġurament. Wara li ġew eżaminati wkoll il-kotra tal-kitbiet ta' Dun Ġorġ, u ċ-ċensuri teoloġi ħarġu r-rapport tagħhom, allura d-dokumentazzjoni kollha, miġbura f'1,578 paġni ittajpjati, intbagħtu ssiġillati Ruma fl-1988. Wara tħejjiet l-hekk imsejħa Positio super virtutibus, li kienet stampata flimkien ma' kitbiet oħra relevanti mal-Kawża, u nġabret f'volum li b'kollox ilaħħaq kważi elf paġna. Kopji ta' dan il-volum intbagħtu lill-Kongregazzjoni tal-Qaddisin biex jitqassmu lill-Kardinali, Teoloġi eċċ. biex jiġi studjat jekk il-Qaddej t'Alla kienx jgħix il-virtujiet teologali, kardinali u oħrajn fi grad erojku. Id-digriet dwar l-erojċità tal-virtujiet inqara fit-28 ta' Ġunju 1999.

Wara dan tressaq ukoll il-każ ta' miraklu-preżunt dwar fejqan instantanju u inspjegabbli minn distakk ta' retina, li kien seħħ fit-3 ta' Frar 1964 lil Charles Zammit Endrich. Dan ġie approvat bħala miraklu li sar bl-interċessjoni ta' Dun Ġorġ fis-27 ta' Jannar 2000. Dan kollu wassal biex Dun Ġorġ seta' jiġi dikjarat Beatu.

**Xi jfisser għas-Soċjetà MUSEUM u għal pajjiżna li issa ser ikollna Saċerdot Malti Beatu?**

Bla dubju din hi grazzja kbira ta' Alla, u ta' dan għandna għax nirringrazzjawh minn qalbna. Għas-Soċjetà MUSEUM il-beatifikazzjoni tal-Fundatur bla dubju hija ta' inkoraġġiment kbir, għax ifisser li l-opra tiegħu żgur kienet effett tal-għaqda tiegħu ma' Alla u allura l-mod ta' ħajja li taha tista' u għandha twassal għall-qdusija. Bla dubju tfisser ukoll responsdabbiltà akbar, biex tgħix b'mod aktar qawwi u impenjattiv il-kariżma li ħallielha l-Fundatur. Għal pajjiżna l-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ għandha sservi ta' tqanqila ġdida fil-ħajja nisranija tagħna. Fl-istess ħin nittamaw li tkun ukoll oppurtunità biex il-poplu Malti u Għawdxi jgħix aktar fuq it-tagħlim sod u bnin, mibni kollu fuq l-Evanġelju, li wasslilna dan il-Bniedem ta' Alla bil-kelma u bil-kitba tiegħu.

**Bħala Maltin u Għawdxin kif għandna nħarsu lejn il-Beatu Ġorġ Preca?**

Ftit wara li Dun Ġorġ miet, l-Isqof Mons. Emm. Galea, Vigarju Ġenerali, kiteb li "Dun Ġorġ nistgħu nsellmulu bħala wieħed mill-ikbar Benefatturi ta' Malta u Għawdex." Naħseb li dan l-isqof għaref u umli iddeskriva ferm tajjeb lil Dun Ġorġ. Bla dubju l-kontribut kbir li dan il-Beatu ġdid ta lil pajjiżna dwar dik li hi formazzjoni nisranija permezz tat-tagħlim tiegħu u ta' l-Għaqda tiegħu mxerrda tista' tgħid fil-parroċċi kollha tal-gżejjer tagħna, Alla biss jista' jkejlu. L-għadd kbir ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi, kif ukoll il-formazzjoni ta' għadd kbir ta' kapijiet ta' familji, żgur għenu għaż-żamma tal-Fidi f'pajjiżna. Il-Kardinal Elia dalla Costa ta' Firenze, meta sar jaf b'Dun Ġorġ permezz ta' Mons. Giov. Briffa Brincati, qal li Alla verament iħobb lil Malta li taha rigal bħal dan fil-persuna tal-Fundatur tal-MUSEUM. U tabilħaqq, Dun Ġorġ hu rigal mill-isbaħ għal Malta tagħna – anzi għall-Knisja Kattolika.



**X'messaġġ tixtieq twassal is-Soċjetà MUSEUM f'din l-okkażjoni ta' grazzja kbira għall-Knisja f'pajjiżna?**

Għall-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ is-Soċjetà MUSEUM qiegħda tħabrek l-aktar biex kemm tista' twassal it-tagħlim tiegħu lill-poplu tagħna. Proprju għalhekk il-laqgħat ta' tħejjija li qed isiru fil-parroċċi u permezz tal-*media* huma l-aktar ikkonċentrati fuq it-tagħlim tiegħu. Qiegħda wkoll tagħti spinta għat-tixrid aktar fost il-poplu tal-ħafna kitbiet tiegħu, li għall-grazzja ta' Alla huma ħafna. U bħala tifkira sabiħa ta' din il-ġrajja unika għall-gżejjer tagħna, is-Soċjetà qed taħseb biex tqassam lil kull familja f'Malta u Għawdex kopja ta' ktieb ta' 144 paġna, jismu ***Is-Sena tas-Sinjur***, miktub minn Dun Ġorġ innifsu, li fih ħsieb qasir għal kull jum tas-sena. Ix-xewqa tagħna li dan il-ktieb jinqara u jħalli l-ġid mixtieq.






ICI Dulux

EVERYTHING YOU COULD IMAGINE

*In store colouring mixing*

Over 8000 Colours for Interior & Exterior walls, wood & metal

J & C Sultana (ta' Gamri)
Imrejzbiet Street
Ghajnsielem
Tel: 551578 / 09422341

Riflessjonijiet
miġbura minn
A.C.M.



# Nitolbu mal-Beatu Dun Ġorġ Preca

**It-termometru biex tkejjel il-qdusija ta' xi ħadd huwa t-talb. Dun Ġorġ kien jitlob. U kien jaf jitlob.**

**Jidher li kien saċerdot kontemplattiv u mistiku li laħaq grad għoli ta' intimita` ma' Alla.**

*Ejjew niggustaw il-ħlewwa tat-talb tiegħu biex bħalu nidħlu f'intimita` mal-Mulej.*

## X'innutajt fit-talb ta' Dun Ġorġ?

- It-talb tiegħu kien talb litaniku
- Talb profond u fl-istess ħin sempliċi
- Talb teoloġiku u fl-istess ħin imfisser fi kliem ħafif
- Talb ispirat mill-Vanġelu, mis-Salmi u mill-Għorrief tal-Knisja, iżda wkoll ispirat mill-ħtiġijiet tal-ħajja ta' kuljum.
- Talb ħiereġ minn qalb imfawwra u nnamrata ma' Alla.



## Invokazzjonijiet

Sinjur Alla,
ħenn għalija, u ismagħni:
Int li int, kun għalija Alla.
Int li int, kun għalija Sinjur.
Int li int, kun għalija Missier.
Int li int, kun għalija Ragħaj.
Int li int, kun għalija Rettur.
Int li int, kun għalija Ġustifikatur.
Int li int, kun għalija Santifikatur.
Int li int, kun għalija Kustodju.
Int li int, kun għalija Difensur.
Int li int, kun għalija Protettur.
Int li int, kun għalija Konsolatur.
Int li int, kun għalija Għajnuna.
Int li int, kun għalija Refuġju.
Int li int, kun għalija Qawwa.
Int li int, kun għalija Dawl.
Int li int, kun għalija Saħħa.
Int li int, kun għalija Ħajja.
Int li int, kun għalija Salvatur.
Int li int, kun għalija Liberatur.
Int li int, kun għalija Reżurezzjoni.

## KANTIKU - A

1. Ikun imbierek Alla.
2. Imbierka l-Omnipotenza tiegħu.
3. Imbierka s-Sapjenza tiegħu.
4. Imbierka l-Providenza tiegħu.
5. Imbierka t-Tjubija tiegħu.
6. Imbierka l-Qdusija tiegħu.
7. Imbierka l-Ġustizzja tiegħu.
8. Imbierka l-Imħabba tiegħu.
9. Imbierka l-Ħniena tiegħu.
10. Imbierka l-Volonta` tiegħu.
11. Imbierek kull Ġudizzju tiegħu.
12. Imbierka l-Glorja eterna tiegħu.

*Amen.*



## KANTIKU - B

1. Ikun imbierek Ġesu` Kristu.
2. Imbierka l-Missjoni tiegħu fid-dinja.
3. Imbierka t-Trasfigurazzjoni tiegħu.
4. Imbierka l-Passjoni tiegħu.
5. Imbierka l-Kruċifissjoni tiegħu.
6. Imbierka l-prezzjuża Mewt tiegħu.
7. Imbierka r-Reżurrezzjoni tiegħu.
8. Imbierka l-Axxensjoni tiegħu fis-sema.
9. Imbierka l-Eżaltazzjoni glorjuża tiegħu.
10. Imbierka l-Qalb umli tiegħu.
11. Imbierek l-Ispirtu manswet tiegħu.
12. Imbierek is-Saċerdozju etern tiegħu.

*Amen.*

## Ir-Renju tal-Grazzja

Wara kull talba wieġeb:
*"Nitolbuhielek fl-Isem ta' Ġesu` Kristu. Amen."*

SINJUR ALLA AGĦTINA L-GRAZZJA;
- li nitgħakksu kontinwament
- li nieħdu paċenzja b'kollox
- li f'kollox nirrassenjaw ruħna mal-Volonta` tiegħek
- li bħalek inħennu u naħfru
- li mmutu fl-istat tal-grazzja tiegħek
- li nagħtu qima vera lil Marija Santissima
- li nipperswadu ruħna li aħna m'aħna xejn
- li nipperswadu ruħna li aħna midinbin
- li nikkorreġu l-ħajja tagħna
- li nifirħu ma' min hu ferħan u li nibku ma' min hu mbikki.

*N.B. Minħabba problema ta spazju kellna nbiddlu ftit l-istil oriġinali (Mill-ktieb ta' Dun Ġorġ "Ftuħ il-Qalb" paġna 113)*

## Praeconia A

CEL. Ejjew inħarsu lejn Ġesu` Kristu u nkantawlu glorja.

| | |
|---|---|
| Ġesu` Alla tagħna<br>R. *Lilu glorja.* | Ġesu`, l-Qaddis t'Alla<br>R. *Lilu glorja.* |
| Ġesu`, Sinjur tagħna | Ġesu`, Awtur tal-Fidi |
| Ġesu`, Ħuna | Ġesu`, Prinċep tal-Paċi |
| Ġesu`, Avukat tagħna | Ġesu`, Dawl Veru |
| Ġesu`, Tabib tagħna | Ġesu`, Iben ta' l-għaġeb |
| Gesu`, Mgħallem tagħna | Ġesu`, Vittma tal-midinbin |
| Gesu`, Salvatur tagħna | Ġesu`, Kultur tal-ġustizzja |
| Ġesu`, Ħabib tagħna | Ġesu`, Dija tal-glorja t'Alla |
| Ġesu`, Medjatur tagħna | Ġesu`, Premju ta' l-umli |
| Ġesu`, Qassis tagħna | Ġesu`, Salvatur tad-dinja |
| Ġesu`, Mexxej tagħna | Ġesu`, Xemx tal-Ġustizzja |
| Ġesu`, Ragħaj tagħna | Ġesu`, Ġilju tal-widien |
| Ġesu`, Leġiżlatur tagħna | Ġesu`, Waħx tad-demonji |
| Ġesu`, Feddej tagħna | Ġesu`, Rebbieħ tal-mewt |
| Ġesu`, Sultan tagħna | Ġesu`, l-Bidu u t-Tmiem |

# It-tliet kandidati għall-Beatifikazzjoni

Mill-Eċċ. Tiegħu Mons.
Nikol Ġ. Cauchi,
*Isqof t'Għawdex*





*Dan l-artiklu nkiteb fis-7 t'April 2001 meta kellna quddiemna t-tliet kandidati għall-beatifikazzjoni, ċioè it-tliet venerabbli Dun Ġorġ Preca, il-Kjeriku Injazju Falzon u s-Suor Adeodata Pisani.*

***Ser nipprova f'din il-kitba li nagħti daqqa t'għajn ħafifa l-ewwel lejn id-differenzi ewlenin li nilmħu f'dawn it-tliet qaddejja ta' Alla, u mbagħad naraw ukoll il-karatteristiċi komuni għat-tlieta.***

## F'hiex ma jaqblux it-tliet Venerabbli

Tnejn minn dawn il-Venerabbli Maltin kienu jgħixu fl-istess seklu jiġifieri is-seklu dsatax: Adeodata Pisani twieldet fl-1806 u mietet fl-1855, u l-Kjeriku Falzon kien jgħix mill-1813 sal-1865. It-tielet wieħed, Dun Ġorġ Preca twieled fl-1880 u miet 1962 jiġifieri l-parti l-kbira ta' ħajtu kienet fis-seklu għoxrin. L-etajiet li kellhom meta mietu għalhekk kienu: Adeodata 49 sena, Nazju 52 u Dun Ġorġ 82 sena.

Adeodata twieldet f'Napli peress li ommha kienet taljana naplitana. It-tnejn l-oħra, għad li f'dati differenti, twieldu l-Belt Valletta. Missier Adeodata kien il-baruni Beneditt Pisani li kellu ħafna ġid; missier Nazju kien l-avukat Ġużeppi Francesco Falzon, li imbagħad laħaq imħallef, u missier Dun Ġorġ Preca kien negozjant.

Anke l-appostolat li wettqu matul ħajjithom mhux ugwali għad li hemm ċertu xebh. Hekk, kemm Nazju Falzon u kemm Dun Ġorġ Preca iddedikaw parti ġmielha minn ħajjithom għall-ministeru tal-kelma jew appostolat kateketiku. Però waqt li Dun Ġorġ wettaq l-attività tiegħu fost it-tfal u ż-żgħażagħ, maltin, Nazju wettaq l-appostolat tiegħu fost il-baħrin ingliżi u ta' nazzjonalitajiet oħra, li huwa kien jgħin biex jikkonvertu u jidħlu fil-knisja kattolika. Huwa kkalkolat li iktar minn sitt mitt persuna saru kattoliċi bil-ħidma tiegħu. L-appostolat ta' Adeodata kien dak ta' talb u ta' penitenza fil-ħajja monastika.

Hija ħassitha mnebbħa mill-Madonna tal-Kunsill it-Tajjeb li qaltilha: "*Postok hu fil-monasteru benedittin ta' l-Imdina.*"

Anke rigward il-kitbiet tagħhom naraw kemm ma hemmx paragun bejniethom, għaliex waqt li Adeodata kitbet biss *Il-Ġnien tar-Ruħ*, u Falzon kellu l-ktejjeb *Farag tar-Ruħ Nisranija*, barra minn xi korrispondenza, Dun Ġorġ ħallielna wirt l-aktar għani ta' kitbiet u publikazzjonijiet, hekk li nistgħu nsejjħulhom enċiklopedija ta' xjenzi ekkleżjastiċi. Haqqu kull tifħir, is-Superjur John Formosa li fl-*Almanakk Kattoliku 2001* tana lista sħiħa tagħhom b'deskrizzjoni qasira fuq kull ktieb jew ktejjeb, xogħol magħmul b'reqqa u vera mħabba ta' iben lejn il-missier spiritwali tiegħu (95-110).

## X'għidt jien dwar il-Venerabbli

Dwar **Adeodata Pisani** fl-introduzzjoni għal-ktieb *Ġnien tar-Ruħ* (paġna 4) jien kont ktibt li "*f'kull ma tikteb Adeodata Pisani tidher is-sinċerità, is-sempliċità u l-umiltà tagħha. Ħafna mit-tagħlim tagħha huwa attwali ħafna u jgħodd anke għall-insara ta' żminijietna. Huma eżempju mill-isbaħ għalina l-għożża tal-virtujiet evanġeliċi, il-biżgħa mid-dnub, l-imħabba lejn l-Ewkaristija, ir-rispett lejn is-saċerdoti, l-ubbidjenza lejn id-Direttur Spiritwali.*"

Dwar **il-Kjeriku Falzon**, fl-ittra *Ad Clerum* ta' Marzu 2001 (n.321) jien ktibt "*Il-fidi kbira ta' Nazju Falzon kienet tidher fil-qima li kellu lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Anki meta kellu l-istudju u l-eżamijiet qatt ma ħalla l-quddiesa u t-tqarbina ta' kuljum. Kien iżur diversi knejjes fl-istess jum biex jinvista lil Ġesù Sagramentat, u skond ix-xhieda ta' patri ta' Ġieżu, Nazju ġie li dam tliet siegħat għarkubbtejh quddiem it-tabernaklu. X'eżempju sabiħ għalina lkoll. Nazju Falzon f'ħajtu għamel ħafna karità moħbija. Ġie li bagħat il-flus lil xi familji foqra u dejjem iwissihom biex ma jgħidu lil ħadd. Iżda wara mewtu xandru ma' kullimkien il-ġenerożità tiegħu.*"

Fl-aħħarnett dwar **Dun Ġorġ Preca** fl-ittra pastorali tat-2 ta' Frar 1980 (ara *Il-Kelma tar-Ragħaj*, Vol. III, paġ. 80) ktibt "*Huwa għaraf sa minn kmieni l-importanza tat-tagħlim tal-katekiżmu u tal-formazzjoni reliġjuża. Għal din il-ħidma pastorali, huwa ddedika l-ħajja twila tiegħu. Bil-kelma u bil-kitba, huwa xerred bla waqfien il-messaġġ nisrani. Ħadem biex jinfetħu l-oqsma jew djar tad-duttrina mhux biss f'pajjiżna, iżda wkoll f'artijiet oħra fejn imorru l-emigranti tagħna. Ħabrek bla serħan biex jiġbor madwaru grupp numeruż ta' ġuvintur u xebbiet u waqqaf is-soċjetà mużewmina sabiex anke wara mewtu, ma tieqafx il-ħidma minnu mibdija. L-eżempju ta' Dun Ġorġ Preca għandu jħajjarna sabiex ninteressaw ruħna mill-edukazzjoni reliġjuża tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna u nippruvaw nagħtu s-sehem tagħna f'din il-ħidma pastorali li f'kull żmien, kienet u tibqa' parti mportanti mill-missjoni li għandha l-Knisja ta' Kristu.*"

## Aspetti komuni fit-tliet ħajjiet

Sa mill-ewwel siegħat wara twelidhom huma rċivew is-Sagrament tal-Magħmudija u b'hekk ruħhom iddawlet bid-dawl tal-grazzja u bdew jieħdu sehem fil-ħajja trinitarja.

It-tlieta f'xi mument f'żgħożithom ħassew u laqgħu l-vokazzjoni għal ħajja mogħtija lil Alla fil-ħidma għall-bini tas-Saltna tiegħu. Din il-vokazzjoni wasslet lil Adeodata biex issir soru benedittina u taqdi lill-Mulej f'dan l-istat għal 27 sena sħaħ. Dun Ġorġ għex sa l-aħħar il-vokazzjoni saċerdotali li rċieva minn Alla. Nazju Falzon, għad li għadda l-kors ta' teoloġija, deherlu li m'għandux ikompli għal qassis bħaż-żewġ ħutu l-oħra, iżda waqaf fid-djakonat minħabba l-umiltà profonda tiegħu.

Fit-tlieta ninnotaw u fi grad l-aktar għoli, l-ispirtu ta' talb, l-aċċettazzjoni tas-sagrifiċċju , l-imħabba lejn il-Verġni Marija u d-devozzjoni mħeġġa lejn l-Ewkaristija.

Fl-aħħarnett, u forsi l-iktar importanti, t-tlieta: Dun Ġorġ, Nazju u Adeodata, matul ħajjithom kollha dejjem fittxew li jagħrfu r-rieda ta' Alla u għamlu kull ma setgħu biex iwettquha. Huma jistednuna wkoll biex inkunu aktar fidili lejn Alla, waqt li aħna bħalhom ninsabu għaddejjin mid-deżert tal-ħajja.

# RAKELA



## il-Matrijarka tal-M.U.S.E.U.M. f'Għawdex

minn Pauline Grech




Rakela Camilleri kienet strumentali biex is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija titħawwel u tikber fid-Djoċesi t'Għawdex. Hija twieldet in-Nadur fid-29 t'Ottubru 1889. Jiġifieri kienet biss disa' snin iżgħar minn Dun Ġorġ. Hija mietet fis-27 ta' Ġunju 1977, ftit inqas minn ħmistax-il-sena wara li miet il-fundatur. Hija għexet għalhekk fl-istess żmien li fih għex Dun Ġorġ Preca. B'differenza sinifikanti: li Dun Ġorġ għex f'Malta u Rakela f'Għawdex! Differenza sinifikanti għaliex dak iż-żmien, imma l-iktar fiż-żmien ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1939 - 1945), iż-żmien li fih kemm Dun Ġorġ u Rakela kienu għadhom mhumiex mgħobbijin bis-snin, it-trasport bejn iż-żewġ gżejjer kien irregolari ħafna. Li kieku ma kienx għall-fatt li Rakela kienet tikkorrispondi kontinwament permezz ta' l-ittri ma' Dun Ġorġ, u Dun Ġorġ, min-naħa tiegħu, dawn l-ittri qatt ma ittraskurahom, kieku żgur li Rakela ma kienitx tkun tista' tiġi ffurmata daqstant tajjeb fl-ispiritwalità Museumina. Skond stqarrija ta' Nellie Bartolo, kif ikkwotatha minn Alexander Bonnici: "Għalkemm Dun Ġorġ ma tantx mar Għawdex, Rakela kienet iġġennu bil-kitbiet u l-mistoqsijiet tagħha. Jekk hu ġie li tefa' fil-ġenb l-ittri ta' xi oħrajn, Dun Ġorġ qatt ma telaq dawk ta' Rakela. Anke jekk fi żminijiet ta' mard, hu ġie li ħallihom jinġabru fuq xulxin, u stenna li jsib xi ċans ħalli jwieġeb għalihom f'daqqa".

Kien ikun interessanti ħafna kieku l-ittri li Rakela kitbet lil Dun Ġorġ baqgħu jeżistu, bħalma, grazzi għall-familjari ta' Rakela, għadhom jeżistu l-ittri li kiteb Dun Ġorġ lil Rakela. Imma studju tajjeb ta' dawn l-ittri (ta' Dun Ġorġ), studju li sfortunatament sal-lum għadu ma sarx, x'aktarx li juru kemm Rakela matul ħajjitha kollha ippruvat timxi 'il quddiem fil-qdusija kif imnebbħa mill-Ispirtu permezz tal-Beatu Dun Ġorġ Preca.



29/11/39. 53

+ Verbum Dei caro factum est

Lill Rachele paci u saħħa u benedizzjoni.



Il-attarnett attenti dejjem għall-inganni tad-demonju: fejn imissu huma jispirau sentimenti ta superbia, jagħmlu biex aħna nifhmu li aħna xi ħaġa u aħjar mill-oħrajn.

Sac. Giorgio Preca.

392 Strada Reale.

Hamrun, Malta.

**L-ewwel parti (fuq) u l-aħħar parti (xellug) ta' waħda mid-diversi ittri li Dun Ġorġ kiteb lil Rakela.**

***Isfel tidher il-firma ta' Dun Ġorġ, flimkien ma' l-indirizz fejn kien joqgħod.***

B'daqshekk ma rridux nifhmu li qabel ma ltaqgħet mal-Museum, Rakela ma kientx ruħ tajba. Rakela twieldet f'familja li kienet tgħożż ħafna l-valuri nsara. Kellha iz-ziju tagħha li kien saċerdot. Tnejn minn ħutha wkoll kienu saċerdoti. Mill-erba' ħutha l-oħra, waħda kienet soru u l-oħra (Angela), għalkemm ma kienitx soċja, kienet kollaboratriċi kbira ta' Rakela fix-xogħol tas-Soċjetà. Din Anġla wkoll kienet tikkorrispondi ma' Dun Ġorġ.

Rakela kienet waħda mill-ftit nisa Għawdxin li ħadet edukazzjoni għolja. Fil-fatt hija kienet *boarder* mas-sorijiet ta' St. Joseph f'Tas-Sliema u għamlet ukoll żmien ta' novizzjat ma' dawn l-istess sorijiet ġewwa Marsilja. F'ittra li kitbet lil qrabatha fis-26 ta' Marzu 1907, Rakela kitbet: *"pray for me, that I may be faithful, humble and strong in the fulfillment of our Lord's will"*. X'aktarx li fil-ħajja tagħha propja dan li ppruvat tagħmel Rakela: li tkun fidila, umli u qawwija fit-twettiq tar-rieda tal-Mulej.

Għall-ħabta ta' l-1914 Rakela flimkien ma' tfajla oħra min-Nadur, Pawla Grech, kienet bdiet tiġbor it-tfal, u barra li tgħallimhom il-kant u d-duttrina kienet anke teħodhom xi passiġġata. Pawla Grech darba kellha bżonn tmur Malta, u waħda ħabiba tagħha mill-Ħamrun, ħaditha biex tkellem lil Dun Ġorġ. Dun Ġorġ għaraf li dawn iż-żewġ tfajliet (Pawla u Rakela) kienu ntgħażlu mill-Providenza biex jingħata bidu għall-Museum f'Għawdex. Wara li ngħataw il-permessi meħtieġa, il-Museum fil-fatt beda nhar il-15 ta' Settembru 1915.

Pawla Grech ma baqgħetx fis-Soċjetà. Għalhekk Rakela baqgħet tmexxi il-Museum waħidha. Imma hija kienet f'korrispondenza kontinwa ma' Dun Ġorġ. Dun Ġorġ kellu fiduċja kbira f'Rakela tant li anki ġie li talabha biex tgħinu fit-tmexxija tal-Museum tas-Subien f'Għawdex.

L-istorja ta' Rakela turina kemm Dun Ġorġ kellu moħħ miftuħ għal idejat ġodda. Fi żmienu, meta post il-mara kien biss fil-kċina, huwa mhux biss ħa interess li jgħallem lill-bniet (u mhux biss lis-subien), imma saħansitra ifforma katekisti nisa biex huma stess ikunu jistgħu jgħallmu lill-oħrajn.



# IS-SOĊJETA` TAL-M.U.S.E.U.M. TAS-SUBIEN F'GĦAWDEX

Emmanuel Attard

## BIDU

Kien it-23 t'April 1941, festa ta' San Ġorġ fl-eqqel tal-gwerra li s-soċjetà ta' Dun Ġorġ, il-M.U.S.E.U.M. ra l-bidu tiegħu.

Soċju żgħażugħ malti mill-Ħamrun, is-superjur Emmanuel Bianco, li ntbagħat jaħdem bħala compounder fl-isptar t'Għawdex, ħa l-inizjattiva biex ixettel is-soċjetà, sezzjoni maskili, f'din il-gżira tagħna. Imħeġġeġ u mqanqal mill-kelma u mill-ispirtu tal-fundatur li dakinhar kien tant qrib tiegħu, malli sab ruħu Għawdex, ħaseb biex il-ġid li kienu jieħdu t-tfal u ż-żgħażagħ mill-oqsma ta' Malta, igawdu minnu wkoll dawk ta' Għawdex.

### L-EWWEL QASAM: *IR-RABAT*

Wara li tkixxef, staqsa u ħa l-permess mill-awtoritajiet tal-knisja, fetaħ l-ewwel Museum fir-Rabat. Ġabar ma' l-Għawdxin ħafna tfal tal-Maltin li kienu Għawdex minħabba l-gwerra, fosthom l-ex-President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici u ħuh, l-ex-Prim Imħallef Ġużeppi Mifsud Bonnici. Dawn it-tfal maltin diġà kellhom ħjiel tal-Museum f'Malta. U hekk f'kamra fqira beda jlaqqa t-tfal, jgħallimhom u jipprova jagħtihom mill-ispirtu tal-fundatur: spirtu ta' għatx għat-tagħlim, speċjalment it-tagħlim tal-vanġelu, spirtu ta' ċaħda u sagrifiċċju, u spirtu ta' mħabba ġenwina lejn Alla u lejn Ġesù fl-Ewkaristija.

### IT-TIENI QASAM: *IX-XEWKIJA*

Ftit snin wara, is-Superjur Bianco, mgħejjun minn soċju malti ieħor, is-superjur Willie Buhagiar, li dan ukoll intbagħat jaħdem Għawdex bħala foreman tat-telefon, fetaħ il-Museum tax-Xewkija f'Settembru 1943. Xi uħud qatgħulu qalbu. Qalulu: "tibda, iżda hawn ma tkomplix". Għall-grazzja t'Alla beda u kompla. U llum nistgħu ngħidu li t-tfal, iż-żgħażagħ u l-irġiel tax-Xewkija kollha daqu mill-benna tat-tagħlim ta' Dun Ġorġ, u jbierku dawk is-snin għeżież li għaddew fil-qasam.

### IT-TIELET QASAM: *IL-QALA*

L-istess żewġ superjuri mgħejjunin mis-superjur Salvu Camilleri tal-Qala bdew il-Museum fil-Qala fis-sena 1946. Għall-ewwel Salvu kien ilaqqa' t-tfal ġox-xarabank tiegħu, sakemm sabu post fejn setgħu jiltaqgħu. Wara, fl-1950, fuq inizjattiva u bil-ġenerożità tas-Superjur Salvu u ta' ħuh Dun Anġ u l-familja tagħhom, tellgħu l-ewwel qasam mibni apposta.

**IR-RABA' QASAM: *IN-NADUR***

Bit-tħabrik ta' l-istess superjuri, il-Qasam tal-Museum fin-Nadur beda fl-1947. L-ewwel superjur kien Salvu Buttigieg mill-Qala. Id-dedikazzjoni, il-ħeġġa għat-tagħlim u l-ispirtu ta' ħlewwa tiegħu nisslu vokazzjonijiet għal din is-Soċjetà. Illum bħall-oqsma l-oħra t'Għawdex, hemm post sabiħ u kbir, u mimli bit-tfal u ż-żgħażagħ li jattendu kuljum biex jieħdu l-messaġġ ta' Ġesù u jinbnew f'*"ċittadini onesti u nsara maturi"*.

**IL-ĦAMES QASAM: *SANNAT***

Dan beda fl-1950. Wara diversi postijiet fejn kienu jiltaqgħu, fuq inizjattiva u bil-ħeġġa tas-superjur Ġanni Xerri mix-Xewkija, u bil-ġenerożità tal-poplu ta' Sannat, inbena hemmhekk ukoll Museum sabiħ. F'dan il-qasam, minbarra t-tagħlim lit-tfal u liż-żgħażagħ subien tal-Museum, filgħodu, qabel l-iskola, tkun mgħallma wkoll id-duttrina lit-tfal żgħar subien u bniet tal-primarja.



*Willie Buhagiar u Emmanuel Bianco flimkien ma' E. Attard.*

**IS-SITT QASAM: *IX-XAGĦRA***

Fl-1961, Ġanni Calleja, li kien superjur tal-qasam tax-Xewkija, beda l-Museum fix-Xagħra. Għall-bidu kienu jiltaqgħu f'sala li hija parti mill-Knisja maġenb is-sagrestija. Wara marru fl-iskola l-qadima, sakemm, anke hawnhekk bil-ġenerożità tal-poplu, tellgħu qasam kbir u sabiħ. Il-ħeġġa u l-entużjażmu ta' l-ewwel membri żgħażagħ, imħeġġin mill-kelma ħajja tas-superjur Ġanni Calleja, kienet tant kbira, li fl-ewwel ċerimonja tal-kandidati (din issir liż-żgħażagħ minn 16-il-sena 'l fuq), kienu 56 wieħed.

**IS-SEBA' QASAM: *L-GĦARB***

Malli Dun Anton Saliba laħaq arċipriet ta' l-Għarb bagħat għal Ġanni Xerri, li kien superjur tiegħu fil-qasam ta' Sannat, u qallu: "Ara kif tagħmlu u ejjew iftħu qasam l-Għarb. Museum f'parroċċa hu barka". Dan kien qed jitkellem mill-esperjenza tiegħu: tfulitu u żgħożitu għaddihom fil-Museum ta' Sannat. L-ewwel superjur kien Toni Caruana. Ma' l-arċipriet Dun Anton, u l-istess hawnhekk bil-ġenerożità tal-poplu li fehem il-ġid li joħroġ mill-Musuem, is-superjur ħabrek u stinka biex inbena Museum ġdid il-ġmiel tiegħu.

**IT-TMIEN QASAM: *GĦAJNSIELEM***

F'Għajnsielem kienu ilhom imorru jgħallmu s-superjuri Salvu Camilleri u Ġanni Calleja, iżda bħala qasam uffiċċjali beda fl-1986. Fis-snin disgħin inbniet parti mill-Museum il-ġdid. Għad jonqos it-tieni fażi, li nittamaw f'Alla ma ndumux ma nibdew ħalli jkun aktar xieraq għat-tfal u ż-żgħażagħ li, għall-grazzja t'Alla, anki hawnhekk, jiġu bi ħgarhom.

**ID-DISA' QASAM: *KERĊEM***

Fuq talba tal-kappillan Dun Franġisk Debrincat, il-qasam ta' Kerċem beda fit-8 ta' Diċembru 1988, festa tal-Kunċizzjoni. L-ewwel laqgħat saru fiċ-ċentru parrokkjali. Wara, is-sur Ġorġ Debrincat offrielna l-post tiegħu fi Triq Madre Margerita. Illum hemm qasam ġdid fi Triq Dr. Anton Calleja. Anke hawn, il-bini għadu fl-ewwel fażi tiegħu, u qed nistennew li nibdew is-sular ta' fuq. Ix-xewqa tagħna hi li nibdew tul din is-sena ta' Dun Ġorġ ħalli jkollna qasam aktar attrezzat kif jitolbu l-ħtiġijiet tal-lum.

**L-GĦAXAR QASAM: *IŻ-ŻEBBUĠ***

Dan beda fit-8 ta' Mejju 1999, festa tal-Madonna ta' Pompej. L-ex-Arċipriet, Mons. Alwiġ Vella, kien ilu jitlob li jinfetaħ qasam fil-parroċċa tiegħu. Id-diffikultà ewlenija kienet il-lokal. Is-sinjura

Kostantina Galea offritilna kamra fejn stajna nibdew. Wara, is-sinjuri Toni u Alice Vella offrewlna post akbar fejn qegħdin illum fi Triq il-Knisja. Issa bil-koperazzjoni tal-poplu taż-Żebbuġ qed nibnu qasam kbir u sabiħ adattat għat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Malli Dun Noel Saliba laħaq arċipriet, talabna li nibdew nilqgħu lit-tfal kollha, subien u bniet, minn Yr. 1 'il fuq, kif fil-fatt qed nagħmlu.

**M.U.S.E.U.M. *GĦASRI***

Dan kien ilu li beda mill-1960 fuq inizjattiva tas-superjur Ġanni Schembri, u bil-għajnuna tas-superjur Ġanni Calleja u ta' Joe Said mix-Xagħra li dam ħdax-il-sena jieħu hsieb il-qasam. Hawn jattendu t-tfal kollha subien u bniet minn Yr. 1 (u anki iżgħar) 'il fuq. Għalkemm raħal żgħir, il-poplu ikkontribwixxa, u llum hemm qasam mibni ġdid, ħelu u attrezzat.

**KOPERATURI**

F'Mejju ta' l-1984 bdiet il-fergħa tal-Koperaturi tal-Museum f'Għawdex. Dawn huma grupp ta' irġiel minn Għawdex kollu (ħafna minnhom ex-membri), li jiltaqgħu kull nhar ta' Ħamis - normalment fil-qasam tar-Rabat - għal siegħa ta' talb u tagħlim fuq l-istil u l-ispirtu ta' Dun Ġorġ.

**IX-XEWQA TAGĦNA**

Jalla kull parroċċa fid-djoċesi t'Għawdex tgawdi mill-benna tat-tagħlim u l-ispirtu ta' Dun Ġorġ. Grazzi l-ewwel u qabel kollox lis-sinjur Alla, li bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' San Ġużepp, stajna nkomplu l-ħidma tagħna. Grazzi ukoll lill-Isqof ta' kull għajnuna li tana, speċjalment ta' l-artijiet għall-bini ta' l-oqsma. Grazzi wkoll lil dawk kollha li jgħinu u jikkoperaw magħna. Inwiegħduhom it-talb tagħna. Dun Ġorġ mis-sema jberikom żgur.



*Dun Ġorġ Preca, flimkien mas-Superjur Ġenerali Ewġenju Borg fit-tberik ta' l-Ewwel Ġebla tal-Kappella tal-Midalja Mirakoluża fil-Blata l-Bajda mill-Arċisqof Mikiel Gonzi - 23 ta' Frar 1958. Il-fdalijiet ta' Dun Ġorġ ser ikunu għall-qima tal-pubbliku f'din il-kappella.*

"Kunu Ħbieb ta' l-Evanġelju"

# Programm Uffiċċjali taż-Żjara tal-Papa f'Malta



## It-Tlieta, 8 ta' Mejju 2001

| | |
|---|---|
| 12.30 p.m. | Tluq mill-Ajruport Internazzjonali ta' Damasku fis-Sirja. |
| 2.00 p.m. | Wasla fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Ċerimonja ta' merħba u Diskors mill-Qdusija Tiegħu. |
| 6.00 p.m. | Żjara ta' Kortesija lill-President tar-Repubblika ta' Malta, fil-Palazz Presidenzjali, il-Belt Valletta. |

## L-Erbgħa, 9 ta' Mejju 2001

| | |
|---|---|
| 9.00 a.m. | Wasla tal-Qdusija Tiegħu fuq il-Fosos tal-Furjana. |
| 9.30 a.m. | Quddiesa Solenni li fiha jsiru l-Beatifikazzjonijiet. Issir Omelija mill-Q. T. il-Papa. |
| 12.45 p.m. | Wasla tal-Q.T. fin-Nunzjatura Appostolika fir-Rabat. |
| 1.00 p.m. | Laqgħa ma' l-Isqfijiet Maltin fin-Nunzjatura. |
| 4.30 p.m. | Il-Q.T. jasal fil-knisja tal-Midalja Mirakuluża, fil-Ħamrun, fejn jitlob quddiem il-fdalijiet ta' Dun Ġorġ. Laqgħa mal-membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (M.U.S.E.U.M.). Diskors mill-Qdusija Tiegħu. |
| 6.30 p.m. | Ċerimonja tat-Tluq fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. |
| 7.00 p.m. | Tluq |
| 8.30 p.m. | Wasla fl-Ajruport ta' Ciampino, Ruma. |

BOOKMARK

**Bennie Mercieca,**
**"Pariri Spiritwali tal-Beatu Dun Ġorġ Preca"**
**Sensiela "Spirtu u Ħajja"; nru. 2; 48 pp;**
***Lumen Christi Publications.* B.C.D. Printing, Victoria, Gozo, 2000,**
**Jinbiegħ Lm 0.50ċ.**

# *DUN ĠORĠ B'TAGĦLIM GĦOLI GĦAL KULĦADD*




*Din il-ġabra qasira ta' pariri spiritwali għandha skop li ddewwaq xi ftit lill-pubbliku Malti minn dak li l-Beatu ġdid għandu x'joffri, fl-okkażjoni sabiħa tal-beatifikazzjoni tiegħu, wara li għadda ħajtu kollha jgħallem bil-kelma u bil-kitba. L-awtur firex dawn il-pariri taħt 26 suġġett differenti li ġabar minn fost il-ħafna kotba ta' Dun Ġorġ li jinsabu fl-idejn sa llum.*

*- Naqraw fost affarijiet oħra li f'żogħżitu darba waħda Dun Ġorġ baqa' xxukkjat bit-tagħlim żbaljat li xi drabi ġie mogħti dwar Alla. Baqa' jtenni dak li wieħed sagristan għallem lit-tfal dwar Alla meta xi ħadd minnhom staqsieh: "U lilu min ħalqu?" Qabeż is-sagristan u qallu: "Sar waħdu". Dun Ġorġ baqa' jirrepeti: "Dik kienet ereżija għax Alla minn dejjem, u tgħid li sar waħdu jiġifieri kellu bidu".*

*- Ma setax jonqos li sa mill-bidunett tat-twaqqif tal-Museum, Dun Ġorġ beda jaqleb għall-Malti ħafna kitbiet dwar it-tagħlim Nisrani. Dak li osserva ta' periklu fil-bidu tas-seklu l-ieħor mhux nieqes illum. Huwa ntebaħ li għandu jisħaq dwar il-misteri tal-fidi Nisranija għax li temmen mhux sempliċiment ikollok sett ta' life skills. Għalhekk bħala għalliem Dun Ġorġ mar għall-qofol tat-twemmin li twassal il-Knisja Kattolika.*

*- Il-Fundatur tal-Museum ħass il-bżonn li jwassal dan kollu billi daħħal ukoll programm vast ta' teoloġija: dommatika, morali, spiritwali u mistika. Dan ried li jgawduh il-membri fil-laqgħat tat-tagħlim tagħhom minn ġimgħa għall-oħra, biex min-naħa tagħhom jgħaddu dan l-għana ta' ġid spiritwali bħala għajnuna, kemm-il darba kellhom jissaħħu fil-fidi li jistqarru. U hekk ipprova jwassal it-teoloġija għal-livell tal-poplu kollu.*

*- Huwa poġġa fuq quddiem it-twemmin f'Alla Wieħed fi Tliet Persuni, Alla fl-attributi u l-kobor tiegħu, bħala Ħallieq, Providenti, Ġust u Ħanin.*

*Kellu fidi qawwija fl-Iben t'Alla li sar bniedem għalina u fil-misteru tal-Fidwa. Għallem il-veritajiet l-oħra dwar Marija Omm Alla, il-Knisja bħala Arka tas-Salvazzjoni, il-Grazzja u l-Ħajja Divina, dwar is-Sagramenti, ir-Rikonċiljazzjoni, l-Ewkaristija u l-Quddiesa; il-Virtujiet Teologali: Fidi, Tama u Mħabba, dwar in-Novissmi u l-Fini tal-bniedem.*

*- Kiteb u għallem dwar il-virtujiet naturali u sopranaturali, il-manswetudni, il-prudenza, il-ġustizzja, it-temperanza u l-qawwa fuq kollox fuq il-Liġi t'Alla. Tagħlim ieħor huwa dwar il-kunsilli evanġeliċi, l-intenzjoni retta, it-talb, l-opri tal-ħniena, il-kruha tad-dnub u l-ħtieġa tat-tagħlim bħala katekiżmu taħt forma ta' mistoqsija u tweġiba.*

*- Min-naħa Dun Ġorġ jibqa' l-pijunier tal-ħeġġa għat-tagħlim, waqt li iktar ġabriet ta' pariri spiritwali bħalma hemm f'dan il-librett jispiraw linji ċari għal min tassew irid igħix ta' Nisrani.*

***Mons. Salv Grima***

**John Portelli Ent. Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36

# "Ejja, mbierek, ħu sehem fis-Saltna"



*Bakkar iż-żagħżugħ għax-xogħol, qassis ħerqan,*
*da' ix-xrik il-ġdid fil-wesgħa tal-Mulej,*
*'ma għotor fis, qalb il-għollieq u xewk niggież,*
*kull fejn riġlejh ħabat imidd, beda għaddej.*

*Għollieq u xewk ta' njoranza mxaħħma*
*dwar it-tagħlim nisrani fl-art Maltija,*
*u fehem kemm imsieħ t'għaraq ser jiswielu,*
*ħa din l-art jaħdem, sa jirnexxilu jsaffiha.*

*L-ewwel saram li sab fi pjan ħidmietu,*
*kien sewwasew ir-ragħaj li ma ħax ferħa.*
*Beża' li jekk fidili jgerfxu, jgħassdu*
*l-imxietel tal-qassis; tikber il-ġerħa.*

*Bħal borra nieżla sfiq, tul xi lejl sieket,*
*arah għonqu jmidd, ħawtiel għall-frott li ried,*
*jiġbor madwaru ġuvnotti twajba, jgħallem,*
*kwiet, kwiet, umli jistenna, sa l-aħbar, ordni ġiet.*

*Bit-tfal u l-ġuvintur madwar miġbura,*
*dlonk l-Għaqda tal-Mużew għat-tagħlim waqqaf,*
*waqt li t-tbissima mimlija ħlewwa tiegħu*
*għelbet, warrbet kull xkiel, sa Ċentri saqqaf.*

*Siewi ħareġ tagħlim mhux biss f'pajjiżna,*
*'ma kull fejn xterrdu, bil-għuż marru l-Maltin,*
*biex b'hekk imħabbtu lejn Kristu sew urieha,*
*billi wkoll xandru fost bosta barranin.*

*L-imħabba li Dun Ġorġ kellu għal Kristu,*
*bħal dik il-borra siekta ddiet f'imġiebtu,*
*fil-ħelu mbierek, qabel lit-tfal iqassam,*
*waqt il-quddiesa, x'ħin tal-Kalvarju jterraq trieqtu.*

*U din mħabbtu fid-deher qed tkompli tiddi,*
*mis-sema fejn jinsab, għal fuq gżiritna,*
*għax Ruma llum Beatu sejra taħtru,*
*l-ewwel Malti għal ġieħ, b'rispett urietna.*

Francis Sultana
Għajnsielem

# Innu lil Dun Ġorġ Preca



*Bil-kelma ta' Kristu*
*Bil-ħeġġa t'Appostlu*
*Irbaħt il-qlub tagħna,*
*Missierna ħanin;*
*U ġbartna f'din l-Għaqda,*
*Imbierka mis-Sema,*
*Li kibret u xterdet*
*Għall-ġid tal-bnedmin.*

*Ibqa' bierek din l-Għaqda Maltija,*
*Li bħall-Knisja waqqaft fil-qdusija*
*U tajtha isem bi ħsieb hekk sabiħ.*
*Ixgħel f'qalbna ħuġġieġa ta' mħabba*
*Biex inxerrdu t-tagħlim tal-Vanġelu,*
*Biex indawlu u nirbħu l-erwieħ.*

*Urejtna s-sbuħija*
*Tal-ħajja, tas-sewwa*
*Fiċ-ċaħda tad-dinja*
*Li tħobb il-frugħat;*
*Għallimtna u mexxejtna*
*Fil-biża' ta' Alla,*
*Fis-safa ta' qlubna,*
*Fl-għemil u x-xewqat.*

*Ibqa' bierek din l-Għaqda Maltija...*

*B'dik kelmtek qaddisa,*
*Missier għażiż tagħna,*
*Semmajtna bil-ħlewwa*
*Il-Leħen Maħbub,*
*Dewwaqtna f'ħajjitna*
*Il-kobor tal-grazzja*
*U l-għaxqa tal-Ġenna*
*Li tferraħ il-qlub.*

**Kliem: Dun Frans Camilleri**
**Mużika: Fr. Albert Borg o.s.a.**





Poeżija
ta' Joe W. Psaila

# *L-Arloġġ*

## (b'radd il-ħajr lil Dun Ġorġ)

(Il-ħin invenzjoni u xejn aktar,
L-arloġġ invenzjoni li qies jagħti 'l-ħin,
Arloġġ li joħroġni 'il barra mill-ħin
hu invenzjoni akbar)

*Imdendel itektek*
*Fit-tokk tas-salott*
*Fir-ritmu dejjieqi*
*Ta' sillabi żgħar,*
*L-imgħoddi, il-issa,*
*Min jaf il-ġejjien. . .*
*Idoqqli kull siegħa*
*Bla kas trapassar*
*Tnaqqir lest għalija.*

*Idur mal-polz t'idi,*
*Marbut miegħu jien,*
*Iwieġeb lil qalbi*
*B'tektika t-taħbita,*
*Taħbita b'tektika*
*Imqita, jinkiha:*
*Li hu jibqa' sejjer*
*Sittin kull minuta,*
*Meta hi tkun inħanqet*
*Għal dejjem fil-muta.*

*'Mma x'ħin il-ħsieb trapan lil moħħi jberren,*
*U tross mal-polz l-arterja ċ–ċinga tlellex*
*Biex tibgħat tokki kiebja sa ġo qalbi,*
*Nitfarraġ jien nixtarr fid-djarju talbi,*
*U naħrab, hu x'ħin hu, jsara il-ħin*
*Bl-arloġġ ta' tfuliti,*
*L-arloġġ mużewmin.*



# Dun Ġorġ Preca

## *Appostlu tat-Tagħlim Nisrani*

minn Bennie Mercieca

Dun Ġorġ jirrakkonta: "*Meta jien ħadt il-Quddiesa ma ridt naf b'xejn, assolutament b'xejn, nistenna l-ħin ta' filgħodu biex immur inqaddes. Wara l-Quddiesa dejjem kont immur id-dar. Ma tanx kellna kumdità d-dar, kellna kamra ta' fejn il-bejt, kont nitla' hemm u ngħid l-uffiċċju u x'naf jien. Kif inkun fis-skiet ġietni l-ispirazzjoni minn Alla - minix kuntent ngħidilkom biss imma rrid nipperswadikom - ġietni l-ispirazzjoni minn Alla li jiena nagħżel xi żgħażagħ, ngħallimhom biex jgħallmu d-duttrina li fil-Knisja kienet imħarbta wisq. Allura qed nimmedita jien dan l-oġġett ta' din l-ispirazzjoni li jeħtieġ li min jgħallem ikun ikkultivat fit-tagħlim, allura ġieni f'rasi li jiena niġbor ġuvintur, nieħu ħsiebhom u ngħallimhom biex ikunu jistgħu jgħallmu d-duttrina lill-oħrajn*".

Din il-konvinzjoni tiegħu li Alla kien qed isejjaħlu biex jgħallem id-duttrina u jwaqqaf soċjetà, kienet imsaħħa bil-viżjoni li Dun Ġorġ kellu ftit wara li qaddes, fi "*Croce Marsa*", f'liema viżjoni Dun Ġorġ jara

tifel ta' tnax-il sena, jiġbed karretta li magħha kien hemm marbuta qoffa mimlija żibel u dan it-tifel jikkmandah jagħtih l-għajnuna. Fit-tifel Dun Ġorġ jilmaħ lil Kristu, u fil-karretta u l-qoffa biż-żibel s-Soċjeta' tal-MUSEUM.

Dun Ġorġ, imsaħħaħ mill-parir tal-konfessur tiegħu, medd għonqu għal din il-ħidma qaddisa, b'entużjażmu u b'dedikazzjoni kbira. Beda jlaqqa' żgħażagħ, jiffurmahom sakemm wasal iż-żmien li jibda jiftaħ djar tad-Duttrina, bil-mod il-mod ma' Malta kollha. Ma kienx jaf x'inhi għajja: jiġġerra minn post għall-ieħor, fi żminijiet u ċirkustanzi tassew diffiċli, jgħallem hu u jheġġeġ lil min jgħallem u lil min jisma' l-Kelma ta' Alla; jikteb il-kotba u fuq kollox jagħti xhieda awtentika ta' ħajja qaddisa. Bir-raġun, għalhekk li meta fis-Sajdiet Museumini kien ikun ser jitkellem Dun Ġorġ, erħilhom in-nies jimlew il-postijiet minn knieni. Il-folol kienu jkunu kbar, għatxana jisimgħu l-kelma perżważiva tiegħu. Kien juri wkoll ħeġġa għal-laqgħat ta' nhar t'Erbgħa li kien jagħmel lis-soċji tiegħu. Ma kienx ifalli waħda. Anke fl-aħħar ta' ħajtu, kien imur mgħejjun minn xi soċji biex jagħmel il-lezzjoni tas-soltu. Dun Ġorġ qatt ma waqaf mit-tagħlim, lanqas meta kien ikun marid, ħlief meta kellu l-ubbidjenza tat-tabib jew tal-konfessur. Meta kien jibda l-lezzjoni ma kienx ikollu aptit jispiċċa għax kien jisker jitkellem fuq Alla. Kien iħobb jgħid: "*Għallmu, għallmu, għallmu, xi ħaġa tibqa' dejjem*". Meta darba qalulu li jkunu għajjenin wara x-xogħol wieġeb: "*min iħobb ma jixba qatt jisma' u jagħmilha ma' min iħobb*".

Alla u Ġesù Kristu kienu kollox għalih. Kien mitluf wara Ġesù li fuqu kiteb, li lilu għallem, u li skond l-espressjoni tiegħu, "*għandu jkun l-uniku oġġett tal-qalb tagħna*". Dun Ġorġ kien mimli bi Kristu; tant hu veru li kull min jersaq lejh kien ikollu jistqarr li reġa' lura xi ftit aktar qrib lejn Kristu milli kien qabel. Il-kotba tiegħu ma kinux ħaġa oħra ħlief sfog ta' l-ikbar xewqa li kellu f'ħajtu: li jagħmel wirja kbira bil-kitba u bil-kelma fuq Alla u l-attributi tiegħu u fuq Ġesù Kristu li huwa bagħat fid-dinja. Kliemu kien bħan-nar iħeġġek, jew bħall-ilma jagħtik il-ħajja, jew bħas-sajjetti jbeżżgħek jew bħal balzmu jfarrġek.

Kellu kapaċità kbira, karizma, li anke tagħlim tqil kien ifiehmu bi kliem ħafif, b'eżempji prattiċi, ħafna drabi meħuda mill-Bibbja, speċjalment mill-Vanġeli, jew mill-ħajja ta' kuljum. Ma kienx hemm kliem studjat u pożi artifiċjali, iżda espressjonijiet ħerġin minn persważjoni fuq ħwejjeġ tal-fidi li kien jgħixhom qabel ma jippridkahom. Il-priedki ta' Dun Ġorġ ma kinux jgħajjuk għax kienu qishom taħdita bejn tnejn, bejnek u bejnu, u kultant kien iżewwaqhom b'xi ċajta jew b'xi pawsa biex jiġbed l-attenzjoni tas-semmiegħa.

Dun Ġorġ bir-raġun, kien il-veru predikatur evanġeliku għax kien jimxi fuq il-Vanġelu u fuq kollox għax kien jimxi fuq il-passi ta' l-Imgħallem u mudell tiegħu, Kristu. Bħala "*għalliem tal-veru għerf*", Dun Ġorġ Preca huwa verament dawl fuq muntanja li ma jintefa' qatt u li jibqa' jdawwal bi kliemu, b'kitbietu u fuq kollox b'ħajtu. Is-Soċjeta' tad-Duttrina Nisranija MUSEUM hija l-vuċi ħajja ta' Dun Ġorġ, li tibqa' ssemma' l-għajta tal-fundatur tagħha: "*It-Tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid*".







**Imperial Eagle**

**DAILY *(from Monday to Friday)***
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**

*Contact:* Joseph Spiteri
**'Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,**
**Qala, Gozo.**
**Tel: 554929 - 376193 - 0944 6521**

# Ħjiel ta' Ħajjet
# Dun Ġorġ Preca

**1880** - Fit-12 ta' Frar ta' din is-sena twieled Ġorġ Preca fil-Belt Valletta.

**1906** - Fit-22 ta' Diċembru d-djaknu Ġorġ Preca ġie ordnat saċerdot minn Mons. Pietru Pace, Isqof ta' Malta.

**1907** - Fit-2 ta' Frar saret l-ewwel laqgħa li tat bidu għas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.

**1909** - Il-Vigarju Ġenerali jordna lil Dun Ġorġ jagħlaq id-Djar tad-Duttrina.

**1910** - Tibda l-Fergħa tas-Sezzjoni Femminili.

**1917** - Titwaqqaf għall-ewwel darba l-fergħa tan-Nisa f'Għawdex.

**1932** - Isem is-soċjetà sar Societas Doctrinae Christianae.

**1941** - Fit-23 ta' April jinfetaħ il-Qasam Maskili fir-Rabat t'Għawdex.

**1952** - Dun Ġorġ jibgħat l-ewwel membri tiegħu biex jibdew is-Soċjetà fl-Awstralja.

**1962** - Fis-26 ta' Lulju Dun Ġorġ Preca jmut. Il-funeral tiegħu kien wieħed li fih ħadu sehem l-ogħla awtoritajiet tas-soċjetà Maltija.

**1965** - Issir talba biex tinfetaħ il-Kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ.

**1976** - Fil-25 ta' Frar infetaħ uffiċjalment it-Tribunal Arċidjoċesan ta' Malta għall-Kawża ta' Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni.

**1999** - Fit-28 ta' Ġunju il-Papa jiddikjara lil Dun Ġorġ bħala Venerabbli.

**2000** - Fis-27 ta' Jannar il-Papa jikkonferma bħala miraklu l-fejqan li sar fi Frar 1964.





# Ħjiel ta' Ħajjet
# Adeodata Pisani

1806 - Marija Tereża Pisani titwieled fid-29 ta' Diċembru f'Napli, bint in-Nobbli l-Malti Baruni Benedittu Pisani Mampalao Cuzkeri u n-Naplitana Donna Vincenza Carrano. Tgħammdet dak in-nhar stess fil-Parroċċa ta' San Mark ta' Pizzofalcone.

1821 - Missierha nqabad priġunier waqt rewwixti kbar f'Napli u kien ikkundannat għall-mewt. Minħabba li kien imwieled Malta u ċittadin Ingliż, tkeċċa għal dejjem minn Napli u ntbagħat lura lejn Malta.

1825 - Marija Tereża flimkien ma' ommha Vinċenza telqu minn Napli lejn Malta għax ma setgħux jibqgħu jgħixu 'il bogħod minn missierha.

1828 - Fl-1 ta' Lulju 1828, kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien, ressqet it-talba tagħha quddiem l-Isqof ta' Malta sabiex tidħol soru.

1829 - F'ċerimonja sabiħa u solenni, Marija Tereża ngħatat il-velu ta' soru. L-isem tagħha bħala soru jkun dak ta' Sor Adeodata.

1830 - Fit-8 ta' Marzu għamlet il-professjoni reliġjuża u wegħdet fil-preżenza tal-Vigarju Ġenerali Mons. Franġisku Saverju Caruana, il-Badessa u l-Komunita`, li tosserva fedelment il-voti ta' l-ubbidjenza, tal-faqar, tas-safa u ta' l-istabilita` u li timxi fedelment skond ir-Regola ta' San Benedittu.

1851 - Sor Marija Adeodata nħatret Badessa tal-komunita` fi ħdan il-Monasteru ta' San Pietru tas-Sorijiet Benedittini ta' l-Imdina.

1855 - Wara marda qasira u diversi attakki tal-qalb, Marija Adeodata mietet hi u tbus il-Kurċifiss, fil-25 ta' Frar ta' din is-sena. Kellha 48 sena, u 25 sena ta' professjoni reliġjuża.

1897 - F'Novembru ta' din is-sena, seħħ il-fejqan mirakoluż tal-Badessa Maria Giuseppina Damiana li fl-1869 kienet mardet b'marda li kienet sa twassal għall-mewt.

1898 - Il-Papa Ljun XIII nhar id-29 ta' April, iddikjaraha Venerabbli. Hija kienet fost l-ewlenin Maltin, it-tieni waħda li ngħatat dan it-titlu ta' Venerabbli skond ir-Regoli ta' dak iż-żmien tal-Knisja.

1898 - F'din l-istess sena wkoll, fit-23 ta' Mejju, beda s-smigħ tax-xhieda u nħatar bħala Postulatur Monsinjur Carinci. Ġew ukoll ippublikati xi profili bijografiċi dwarha.

1901 - Fit-12 ta' Ġunju, il-Kurja Rumana approvat defenittivament il-Proċess dwar il-virtujiet u l-mirakli.

1904 - Fis-17 ta' Mejju, l-fama ta' qdusija tagħha rċeviet l-approvazzjoni tal-Vatikan.

1909 - F'Malta rrevedew u appruvaw mill-ġdid il-proċess Djoċesan.

1912 - Saret l-approvazzjoni u x-xhieda tal-fejqan mirakoluż tal-Badessa Maria Giuseppina Damiana li kien seħħ bl-interċessjoni ta' Sor Marija Adeodata Pisani.

1913 - Saret l-aħħar approvazzjoni u pubblikazzjoni dwar il-Proċess Apostoliku.

1989 - Fit-22 ta' Lulju, il-Kongregazzjoni Vatikana għall-Kawżi tal-Qaddisin, wara li semgħet il-proposti li saru u laqgħet it-talba tas-Sorijiet Benedittini ta' l-Imdina, ħatret bħala Postulatur ġdid lill-Patri Franġiskan il-Professur Ernesto Piacentini OFM.Conv.

2001 - Fit-3 ta' April ta' din is-sena, il-Kungress tat-Teologi tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin iddikjara unanimament li l-fejqan xjentifikament inspjegabbli li sar bl-interċessjoni tal-Venerabbli Qaddejja ta' Alla Marija Adeodata Pisani OSB, kien fejqan mirakoluż.

*(Mill-ktieb Il-Venerabbli Marija Adeodata Pisani OSB, kitba ta' Joseph Flask).*

# Ħjiel ta' Ħajjet Injazju Falzon

**1813** - Jitwieled fl-1 ta' Lulju fil-Belt Valletta Nazju Falzon.

**1834** - Nazju Falzon jikseb il-lawrija ta' avukat u lawrija oħra fit-teoloġija.

**1865** - Fl-1 ta' Lulju, il-ġurnata li fiha wkoll twieled, Nazju Falzon imut fl-eta' ta' 52 sena.

**1987** - Fit-23 ta' Ottubru ta' din is-sena, il-Venerabbli Nazju Falzon ġie dikjarat li għex il-virtujiet teologali tal-fidi, tama u mħabba u l-virtujiet kardinali ta' l-għaqal, ġustizzja, rażan u qawwa.

**1997** - Fl-10 ta' Ottubru Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca ħatar Tribunal biex jiġbor it-tagħrif u x-xhieda meħtieġa skond in-normi tas-Santa Sede.

**2001** - Il-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin iddeċidiet li l-każ ta' fejqan li seħħ bl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon ma kienx hemm spegazzjoni għalih bil-mediċina. Fid-19 ta' Frar ta' din is-sena l-esperti mediċi li eżaminaw il-każ iddikjaraw li l-fejqan kien medikament inspjegabbli.

(Mir-rivista *Il-Franġiskani* )



# Xi tfisser "BEATIFIKAZZJONI"?

**minn Geoffrey G. Attard**

Beatifikazzjoni hija dik id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Papa jippermetti li Qaddej t'Alla magħruf għall-ħajja qaddisa tiegħu f'pajjiż jew post partikulari, f'belt jew fi djoċesi, jew f'familja reliġjuża, ikun pubblikament ivvenerat bit-titlu ta' "Beatu". B'dan il-mod huwa jkollu ċ-ċelebrazzjoni tal-jum festiv ad unur tiegħu u ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddies tal-Komun u r-reċitar tal-lezzjonijiet partikulari, kif ukoll iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa proprja. Fi kliem ieħor dan ifisser li jkollu qima tal-fidili fil-Liturġija tal-Knisja approvata uffiċjalment.

### *Fil-Liturġija u fid-Drittu*

Jeżistu żewġ tipi ta' beatifikazzjoni; dik formali u dik informali. Din it-tieni waħda tirrigwarda kawżi antiki ta' Qaddejja t'Alla, li qabel id-digrieti tal-Papa Urbanu VIII ma kinux permessi atti ta' kult ekkleżjastiku u pubbliku għal persuna li ma tkunx ġiet ibbeatifikata jew kanonizzata mis-Sede Apostolika, u li kienu jkunu diġa jgawdu kult; għal dan il-każ jittieħdu passi straordinarji.

Fil-beatifikazzjoni formali, il-proċedura ssegwi triq ordinarja u regolari, hekk imsejħa de non culto, li tħaddan dawk il-kawżi kollha ta' Qaddejja t'Alla li qatt ma kellhom kult. Dawn il-kawżi jibdew bi tlett proċessi magħmula mill-Isqof tal-post, fejn kien miet, u li fih ukoll kien qatta' l-parti kbira minn ħajtu u wettaq anke l-mirakli, l-imsemmi beatu.

### *Il-Proċessi*

L-ewwel proċess jirrigwardja r-riċerka u l-ġbir tal-kitbiet kollha tal-Qaddej t'Alla. It-tieni proċess ikollu l-għan li jipprova l-fama ta' qdusija, ta' virtu', tal-mirakli u anke tal-martirju (jekk il-persuna msemmija tkun martri), u l-assenza ta' kull ostaklu perentorju (inevitabbli); dan il-proċess jissejjaħ ukoll informattiv. Għalhekk l-Isqof tal-post jorganizza kummissjoni ta' tlett persuni ta' kompetenza fi studju storiċi u riċerki fl-arkivji, sabiex jesegwixxu l-ġabra ta' l-għejun kollha li jitfgħu dawl fuq ħajjet il-persuna. Fit-tielet proċess irid jiġi ppruvat li l-Qaddej t'Alla qatt ma kien meqjum qabel b'kult ekkleżjastiku u pubbliku.

(Ref."Enciclopedia Cattolica" pp.1090-1091)

***Grazzi* lill-Benefatturi Speċjali tagħna**

Minn qalbna nroddu ħajr lil **142** fost l-abbonati sostenituri u benefatturi speċjali tar-rivista tagħna, li fil-Kampanja "**Sagrifiċċju Randan 2001**" għoġobhom joffrulna bejniethom somma totali ta' **Lm 613.50c** f'offerti liberi.

*B'din is-somma miġbura qegħdin inħallsu l-ispejjeż kollha konnessi ma' din il-ħarġa speċjali, b'żieda ta' 8 paġni, fuq il-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca, Adeodata Pisani u Injazju Falzon. Minn qalbna nitolbu fuqhom u fuq il-qarrejja kollha tagħna l-barka t'Alla u l-ħarsien tal-Beati Ġodda Maltin.*

**Il-Bord Editorjali tar-Rivista "Il-Ħajja f'Għawdex" jixtieq jirringrazzja lis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija - M.U.S.E.U.M. għall-użu tar-ritratti u disinji ta' Dun Ġorġ li ntużaw f'din il-ħarġa.**

**Il-copyright huwa tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.**

Dun Ġorġ Preca - SPEĊJALI



# Profeta tal-Konċilju Vatikan II

jikteb Angelo Xuereb

Il-Beatu Dun Ġorġ Preca permezz tal-ħidma u l-ħsieb tiegħu kien żgur wieħed mill-profeti li antiċipaw il-Konċilju Vatikan II.

Fi żmienu kien hawn l-idea li l-qdusija hija għall-erwieħ ikkonsagrati. Dun Ġorġ kisser din l-idea billi ppriedka l-qdusija universali. Huwa qatt ma ppriedka il-minimaliżmu fil-ħajja spiritwali, iżda l-konferenzi tiegħu kienu miżgħuda minn fatti u tagħlim tal-qaddisin. Il-Konċilju ta raġun lil Dun Ġorġ Preca meta afferma li kulħadd huwa msejjaħ għall-qdusija.

Sinjal ieħor li Dun Ġorġ kien profeta tal-Konċilju kien l-interess tiegħu fil-Bibbja. Fil-Knisja donnu kien hawn biżgħa minnha. Dan kien ġej mill-fatt li r-riforma protestanta kienet qamet minn tifsir żbaljat tagħha. Għall-ewwel, Dun Ġorġ kien jaqleb partijiet mill-Bibbja Latina msejħa l-Vulgata. Iżda meta Monsinjur Pietru Pawl Saydon beda jaqleb l-kotba mqaddsa mill-ilsna oriġinali, Dun Ġorġ ma kompliex. Iżda kien jinkuraġġih f'din il-biċċa xogħol iebsa. Il-Konċilju ta raġun lil Dun Ġorġ. Illum il-Bibbja m'għadhiex tnissel biżgħa, izda qiegħda tinqara minn ħafna nsara.

Fi żmien Dun Ġorġ il-qagħda tal-lajċi fi ħdan il-Knisja kienet pjuttost passiva. Verament li kien hawn xi lajċi jgħallmu l-katekiżmu iżda dawn ftit li xejn kienu preparati. Dun Ġorġ fehem li l-lajċi jistgħu jkunu veri appostli dejjem jekk jigu mgħallma u mħarrġa fil-fidi u l-kultura nisranija. Għal dan il-għan huwa waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija. Matul ħajtu huwa iddedika ħafna ħin jifforma lil dawn il-membri sabiex jikbru spiritwalment u jħobbu aktar lil Sidna Ġesù Kristu. Il-Konċilju ta raġun lil Dun Ġorġ anke f'dan l-aspett.

Barra minn hekk Dun Ġorġ kien wkoll wieħed minn ta' quddiem li ħasbu għall-edukazzjoni fit-tfal tal-poplu. Fi żmienu ma tantx kien hawn skejjel organiżżati, filwaqt li kien hawn ħafna tfal jiġġerrew il-jum kollu mat-toroq. Permezz tat-tagħlim organiżżat fl-oqsma tal-Museum, Dun Ġorġ għen kemm felaħ biex il-poplu jdaħħalha f'moħħu li għandu jitgħallem.

Forsi meta naqraw kemm Dun Ġorġ għamel daqshekk ħwejjeġ qabel żmienu, nistgħu naslu għall-konklużjoni li kien xi bniedem rivoluzzjonarju. Iżda dan m'huwiex il-każ. Huwa kien dejjem ubbidjenti għas-superjuri tiegħu, qatt ma xewwex, iżda mexa pass wara pass bil-karità spirata mill-imħabba t'Alla.

Il-Beatu Dun Ġorġ Preca jieħu gost jarana nagħmlu dawk il-ħwejjeġ li huwa tant stinka, ħadem u bata għalihom, u dan, biex Sidna Ġesù Kristu jkun magħruf u maħbub.









# Eloġju mistħoqq lill-Papa

*Ninsabu fix-xahar li fih se ssir it-tieni żjara pastorali tal-Papa Ġwanni Pawlu II lil artna. Mhux ta' b'xejn li għandna tama kbira li tħalli fostna kotra ta' frott spiritwali, meta nqisu l-kontribut siewi li ta lid-dinja dan il-personaġġ kbir - kontribut li ġie rikonoxxut minn George W. Bush, il-President ta' l-Istati Uniti.*

Nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu li għadda nfetaħ il-*Pope John Paul II Cultural Center* f'Washington fl-Istati Uniti, u l-President Bush qal lil wieħed ġurnalist, wara li sema' l-ewwel barka tal-Papa fi Pjazza San Pietru rrapporta lill-edituri tiegħu: "*Dan mhux Papa mill-Polonja, dan Papa mill-Galilija*".

*Niftakru:*

- l-ewwel żjara tal-Papa fil-Polonja fl-1979 meta l-fidi nbidlet f'reżistenza u bdiet il-waqgħa mgħaġġla tal-komuniżmu. L-aħħar mexxej ta' l-Unjoni Sovjetika sejjaħ lill-Papa: "*l-ikbar awtorità morali fid-dinja*";
- iż-żjara tiegħu l-ħabs, ifarraġ lir-raġel li sparalu. Wieġeb għall-vjolenza bil-maħfra, u hekk sar simbolu ta' rikonċiljazzjoni;
- iż-żjara f'Manila fl-1995, fejn kellem folla ta' aktar minn 5 miljun ruħ. Issa bies l-art ta' 123 pajjiż u jmexxi merħla ta' biljun ruħ;
- il-missjoni tiegħu ta' rikonċiljazzjoni bejn l-Insara u l-Lhud. Hu l-ewwel Papa modern li daħal f'sinagoga jew żar pajjiż Iżlamiku.



*Il-Messaġġ tiegħu*

*Forsi r-raġuni għax dar-raġel sar Papa hi li hu jġorr il-messaġġ li d-dinja tagħna għandha bżonn tisma'.*

- Lill-foqra, morda u l-agonizzanti hu jwasslilhom messaġġ tad-dinjita' u s-solidarjetà mas-sofferenza tagħhom. "*Taqgħux għad-disperazzjoni*" qal fis-South Bronx..
- Lis-sinjuri jwasslilhom il-messaġġ li l-għana waħdu hu kumdità falza.
- Lis-setgħana jwasslilhom messaġg ta' ġustizzja u drittijiet tal-bniedem. Is-setgħa tal-Papa tikkonsisti fil-qawwa li ma tistennihiex: ta' tarbija f'maxtura, ta' raġel fuq salib, ta' sempliċi sajjied li wassal Ruma messaġġ ta' tama.
- Il-Papa jwassal il-messaġġ ta' ħelsien lil kull rokna tad-dinja.
- U aħna, f'dan il-pajjiż, m'għandniex ninjoraw il-kliem li l-Papa jindirizza lilna. Ifakkarna li waqt li l-libertà tiddefenixxi lil pajjiżna, ir-responsabilità għandha tiddefenixxi l-ħajja tagħna.
- M'hu qatt aktar elokwenti minn meta jitkellem favur kultura tal-ħajja li tafferma dejjem it-tjieba tal-ħajja fl-istaġuni kollha tagħha.

**Rikonoxxenza:** *Lejn tmiem id-diskors, il-President Bush qal: "Aħna nirringrazzjaw lil Alla għal dan ir-raġel rari, qaddej t'Alla u eroj ta' l-istorja".*



drawwiet missirijietna

© Anton F. Attard

# TWEMMIN FIERAGĦ TA' L-GĦAWDXIN

*( L-Ewwel Parti )*

Is-superstizzjoni jew aħjar it-twemmin fieragħ huwa taqsima mill-aktar importanti fl-istudju tal-folklor ta' kull nazzjon. U, bħal nazzjonijiet oħra, il-gżejjer tagħna għandhom ukoll is-superstizzjonijiet tagħhom. Għalkemm mhux bilfors imorru kontra r-reliġjon nisranija, b'danakollu, is-superstizzjoni xejn ma taqbel mat-twemmin nisrani u għalhekk, bħala tali, m'hix inkoraġġita mill-Knisja. Imma twemmin bħal dan, tant għandu għeruq fondi fost il-poplu tagħna, li ħafna huma dawk li mhux biss jemmnu bih, imma jaħilfu bih wkoll. Kollu għalxejn tipprova tfiehmhom li xjentifikament m'hemm ebda bażi soda għal dik li hi superstizzjoni. Għax is-superstizzjoni hija dak li hi: twemmin fieragħ, imma twemmin.

It-twemmin fieragħ huwa bbażat fuq argument falz. Fl-istudju tal-loġika dan l-argument hu magħruf bil-Latin bħala: *Post hoc, ergo propter hoc*, li jfisser "*wara din il-ħaġa, mela minħabba din il-ħaġa*". Biex wieħed jifhem sewwa se nagħti eżempju konkret. Nagħtu każ li wieħed jiekol il-pastizzi u wara ftit jaqbdu wġigħ ta' żaqq u dijarea kbira. Ir-reazzjoni naturali tkun li dak l-uġigħ ta' żaqq kien ikkawżat mill-pastizzi. Issa f'dan il-każ jista' jkun veru. Imma fl-istess ħin jista' ma jkunx veru, għaliex l-uġigħ ta' żaqq seta' kien ikkawżat minħabba xi mikrobi oħrajn fl-ilma jew f'xi ħaġa oħra li dak il-bniedem ikun ikkonsma.

It-twemmin fieragħ hu varjat ħafna u mxerred mal-pajjiżi kollha tad-dinja, anki dawk ċivilizzati. Malta u Għawdex ukoll għandhom is-superstizzjonijiet tagħhom. Ċerti aspetti ta' dan it-twemmin huma aktar qawwija f'Għawdex milli f'Malta.

## Il-Għajn Ħażina

Ħafna nies jemmnu li xi persuni jew individwi f'għajnejhom għandhom forza straordinarja li tista' tagħmel ħsara lil ħaddieħor. Din il-ħsara ssir sempliċiment billi wieħed iħares lejn dak l-oġġett li wara jisfa vittma tal-ħsara li ssir permezz tal-ħars tal-għajnejn. Għalhekk, 'għajn ħażina' tfisser għajn li tagħmel il-ħsara. 'Jgħajjen' tfisser jagħmel il-ħsara b'għajnejh jew b'għajnejha. Ħafna drabi din il-qawwa li tagħmel il-ħsara toħroġ meta dak li jkun jistagħġeb b'li jkun qiegħed jara. Eżempji: Kemm hi ħelwa dit-tarbija! Dak il-ħin it-tarbija titgħajjen u l-għada tisbaħ marida! Ara kemm twal! Dak il-ħin it-tfajjel jitgħajjen u wara ftit jikser siequ!

## Xi Stejjer dwar l-Għajn

Dwar l-għajn jingħadu bosta stejjer. Hawnhekk se nġibu xi ftit ħalli min qiegħed jaqra jkun jista' jifhem aħjar kif taħsibha n-nies fuq din il-ħaġa.

### L-istorja tal-qasrija

Waħda mara kellha qasrija l-ġmiel tagħha. Mela marret iżżurha waħda ħabiba tagħha, u meta rat din il-qasrija bdiet tistagħġeb, "*Ara kemm hi sabiħa dil-qasrija! Ara xi ġmiel ta' qasrija!*" Oħroġ il-għaġeb, l-għada l-qasrija sebħet midbiela u wara xi jumejn nixfet u mietet. Dik il-mara ħarġet tgħid li l-ħabiba tagħha għajnitilha l-qasrija.

### L-istorja tal-ġebla tas-samm

Mela darba tliet bdiewa Għawdxin ħarġu passiġġata fuq waħda mill-għoljiet Għawdxin. Issa fuq l-għolja jkun hemm ħafna blat u ġebel tar-rina u taż-żonqor, ġebel li jissejjaħ '*tal-presepju*' għax ħafna minn dan il-ġebel jinġabar biex bih jibnu l-presepju tradizzjonali Għawdxi. Mela wieħed minnhom sab ġebla li kellha għamla u sura tassew imżewwqa u sabiħa, u waqt li kienet f'idejh beda jistgħaġeb u jgħid, "*Kemm hi sabiħa din il-ġebla!*" Lanqas laħaq spiċċa l-kliem li

dik il-ġebla sabiħa ma nqasmitx. U meta nqasmet faqqgħet xi ftit ukoll. Sħabu li kienu miegħu ħarsu lejn xulxin u wieħed qal lil ieħor minn taħt l-ilsien, *"Phu kemm jgħajjen! Ġebla qasamha!"*

***L-istorja tal-għajnejn impexpxin u l-għonq juġa'***

Waħda tfajla twila u sabiħa kienet qiegħda tixtri mingħand tal-merċa. Kif kienet qiegħda tistenna biex tħallas, tersaq ħdejha mara titkellem bil-"*k*" u qaltilha, *"Ihh kemm twalt, ilwejt għonki biex inħares lejk!"* L-għada dik it-tfajla sebħet b'għajnejha mpexpxin u b'għonqha ma tistax tħarrku bl-uġigħ. *"Dik il-mara xeħtitli l-velenu l-bieraħ! Għajnitni!"* qalet it-tfajla lil sħabha tax-xogħol.

***L-istorja ta' sider il-baqra jinxef***

Din ta' sider il-baqra jinxef veru kurjuża. Mela jkun hemm bidwi raħħal li jrabbi l-baqar. Dan kellu baqra li kien iżommha f'bitħa. Issa ħdejn ir-razzett tiegħu kien joqgħod raġel li kellu fama li jgħajjen. Dan kien joqgħod iħarislu lejn il-baqra. Mela ġara li sider il-baqra tan-naħa tar-raġel li jgħajjen nixef. *"Għandi baqra għajjinhieli,"* kien igerger il-bidwi. *"Ara kif veru: sider il-baqra tan-naħa l-oħra baqa' kif kien, imma tan-naħa tiegħu nixef!"*

***L-istorja tal-flieles li daru dawra u mietu***

Waħda mara kienet trabbi l-flieles. Kienet tqiegħed tagħqida bajd taħt il-qroqqa, u x'ħin jofsqu l-flieles tibda tagħlifhom u tieħu ħsiebhom. Darba kellha tagħqida flieles il-ġmiel tagħha. Mela ġara li marret iżżurha waħda mara miż-Żebbuġ. U x'ħin rathom bdiet tistagħġeb, *"Ara xi ġmiel ta' flieles! Ara kemm huma sbieħ dawn il-flieles!"* Wara ftit dik il-mara ħarġet u baqgħet sejra għal xogħolha. Imma m'għaddiex żmien wisq meta l-flieles bdew iduru dawramejt, jinqalbu żaqqhom 'il fuq u jmutu. *"Ma kenitx mara li ġiet tara l-flieles,"* qalet dik li trabbi l-flieles. *"Kollha għajnithom u seħtithomli. Imbagħad hawn min ma jemminx bil-għajn!"*

Ikolli ngħid li dik il-mara taż-Żebbuġ bla ma taf daħħlet magħha l-mikrobu tal-pesta tat-tjur. Għalhekk il-mewt tal-flieles setgħet kienet waħda naturali għall-aħħar u l-għajn ma kellha x'taqsam xejn.

L-istejjer fuq l-għajn jibqgħu sejrin. Wieħed li dejjem sejjer tajjeb fl-eżamijiet, jista' *"għax jgħajjnuh"*, jibda jmur ħażin. Xi drabi, għal xi raġuni wieħed jibda jara kollox jiġih ħażin, kollox sejjer kontrih. Ma jridx wisq biex iwaħħal f'xi ħadd li jkun għajjnu.

## *Il-Magħmul*

Iżda hemm xorta ta' għajn li ħafna nies veru jibżgħu minnha. Dan huwa l-magħmul. Il-magħmul huwa seħer ħażin li jingħad li jista' verament jiġi kkawżat bil-għajnuna tax-xitan. Xi drabi l-magħmul



jitfa' lil dak li jkun fi stat ta' mard fiżiku jew mard mentali, jiġifieri ġenn li qabel qatt ma jkun ġarrab minnu. Il-magħmul iġib is-saħta fuq dak li jkun, saħta li ħafna drabi wieħed iħossha miegħu, u ġie li tissejjaħ *"barka kuntrarju"*. Nies li sinċerament jemmnu li huma milquta minn magħmul ġie li jsejjħu xi qassis biex jiskunġrahom minn dik is-saħta tal-magħmul li jkollhom fuqhom.

## *Rimedji kontra l-Għajn*

***Il-qrun***

Ladarba n-nies temmen li tista' ssir ħsara bil-għajn, l-istess twemmin folkloristiku jippreskrivi wkoll xi rimedji biex ibiegħed is-saħta li ġġib l-għajn ħażina. U dawn huma xejn inqas strambi mill-għajn infisha. Issa l-għajnejn huma tnejn. Mela r-risq ħażin joħroġ minn żewġ għajnejn u mhux minn waħda. Mela biex nilqgħu għalih jeħtieġ li jkollna xi ħaġa li tkun bi tnejn. U l-ewwel ħaġa li żgur ġiet f'moħħ il-bniedem primittiv biex jiżgura li jbiegħed l-għajn hija l-qrun. Il-qrun ta' l-ifrat: tal-barri u tal-gendus. Il-qrun bi tnejn, ippuntat u għalhekk jista' jifqa' bl-aktar mod effiċjenti dawk iż-żewġ għajnejn li minnhom joħroġ il-velenu lin-nies, lill-bhejjem u l-ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

Imma mhux dejjem ikollok il-qrun lesti f'każ li jitfaċċa xi ħadd jgħajjen. Għalhekk is-swaba' ta' l-id f'sura ta' qrun iservu tajjeb ukoll. Biex wieħed ma jurix li qiegħed jagħmel il-qrun jista' jdaħħal idu fil-but jew jitfa' idu wara. In-nisa tad-dar idaħħlu idhom taħt il-fardal.

Il-għajn ħażina tista' tagħmel ħafna ħsara fl-annimali tar-razzett u fil-bhejjem tat-tagħbija bħal ħmir, bgħula, żwiemel u dwieb. Għalhekk il-bidwi jrid jilqa' tajjeb ħalli kemm jista' jkun ibiegħed dik is-saħta. Allura araħ jagħmel par qrun fuq il-bieb tar-razzett jew maqjel u xi nagħla fuq il-bieb tar-remissa. In-nagħla tirrappreżenta wkoll il-qrun.

Il-bniedem irid iħares ukoll lilu nnifsu mill-għajn. Allura xi nies arahom jilbsu kull xorta ta' fetiċċi jew amuleti biex ibiegħdu l-għajn ħażina. Fost dawn insibu xi nagħla tad-deheb, xi baħbuħa, xi talisman, xi qanpiena, oġġetti żgħar ta' lewn aħmar u hekk. Il-baħbuħa hija mħara tal-baħar. Billi l-ilma ma jgħaddix

mill-imħara, hekk ukoll meta tilbes il-baħbuħa, l-għajn ħażina ma tgħaddix għal għandek. Hekk kienu jemmnu.

***Espressjonijiet u mossi***

Mod ieħor kif tbiegħed l-għajn ħażina hu billi tuża espressjonijiet li fihom jissemmew Alla u qaddisin. Per eżempju: Ħarsu mill-għajn, Alla jbierek, il-Madonna tħarsu, Alla jħarisna, oħroġ il-għaġeb (aktarx tfisser oħroġ għaġeb ta' għajn ħażina! għaġeb ta' saħta!), Alla jbierku u jseddqu, u hekk. Imbagħad hemm ukoll kliem u mossi, aktarx vulgari, u li naħseb li huma eqdem mill-espressjonijiet reliġjużi li għadna kemm semmejna, bħal "*Għajnek ma' s....*" Bis-seba' l-werrej u s-seba' l-kbir dak li jkun jifforma ċirku żgħir, li jfisser l-għajn u jdawwar idu għan-naħa ta' wara. Hekk kien maħsub li l-għajn ma tagħmilx ħsara.

***Tbaħħir biż-żebbuġ imbierek***

Is-superstizzjoni tal-għajn ħażina tant hija mqabbda sewwa f'moħħ il-poplu li, minkejja li l-Fidi Nisranija ħadet post ir-reliġjon pagana, in-nies xorta baqgħet temmen li biex tħares lilha nfisha, 'l uliedha u l-bhejjem tagħha, trid tbaħħar bid-duħħan taż-żebbuġ. Il-Knisja tat lil dan it-tbaħħir bixra nisranija billi tippermetti li jsir b'weraq taż-żebbuġ u l-palm imbierek ta' Ħadd il-Palm. It-tbaħħir kien isir f'Sibt il-Għid mad-daqq tal-glorja, imma jista' jsir f'kull ġurnata oħra tas-sena. Iż-żebbuġ imbierek minn tas-sena ta' qabel, biex ikun nixef sewwa, jinħaraq fuq xi għatu kbir, gabarrè qadim jew taġen u mbagħad min ibaħħar idur mal-kmamar tad-dar jew l-imqawel tar-razzett fejn ikun hemm it-tfal u l-bhejjem, fil-waqt li jgħid:

*F'ġieħ San Pietru Pawl ta' Ruma*
*Jekk inhi għajn ħażina toħroġ,*
*Jekk inhi ferħa terġa' lura!*
*Jiena nbaħħrek,*
*inbaħħrek biex jgħaddilek,*
*inbaħħrek biż-żebbuġ imbierek!*
*F'ġieħ San Kożma u San Damjan,*
*San Mikiel u San Rafel,*
*F'ġieħ il-qaddisin kollha*
*biex jitolbu għalina.*

Taqbiliet oħra bħal din kien hemm bosta mxerrdin ma' l-irħula ta' Għawdex kollu. Min jaf xi waħda antika jista' jibgħathielna għax aktar ma jkollna verżjonijiet differenti, aktar aħjar.

Iż-żebbuġ imbierek kien jiddendel ukoll id-dar, fl-imqawel u saħansitra fuq il-bċejjeċ tal-baħar tas-sajjieda tagħna.

***L-Ilma mbierek***

L-ilma mbierek ukoll għandu s-setgħa kontra l-għajn u l-ispirti ħżiena. Għalhekk hawn min iżomm minnu d-dar. It-tberik tal-Għid, bħat-tbaħħir, isir biex mid-dar toħroġ is-saħta u tidħol il-barka.

***Drawwiet oħrajn***

Xi drabi l-għajn ħażina, bħall-magħmul, iddum taħdem fuq dak li jkun. Meta wieħed jara li kollox ġej ħażin, id-dinja u l-elementi donnhom kollha daru kontrih, allura jibda jemmen li l-għajn ħażina qiegħda fuqu u jeħtieġ jagħmel xi ħaġa biex jeħles minnha. Minbarra t-tbaħħir, wieħed jista' wkoll jaqta' biċċa drapp mil-libsa ta' dak li jgħajjen, jaħraqha quddiemu, u hekk meta d-duħħan itir għal fuqu l-għajn ħażina tmur. Imma mhux kulħadd jieħu gost tgħidlu li jgħajjen!

Drawwa oħra kienet li jwaħħlu biċċa xemgħa tat-tniebri fuq ras dak li jkun, sewwa tfal jew annimali. Inkella jagħmlu salib fuq żaqqhom jew fuq il-parti li tista' titgħajjen filwaqt li jingħadu l-kelmiet: Oħroġ il-għaġeb!

Drawwa oħra mhux daqstant sabiħa hija dik li wieħed jobżoq fl-art meta jara lil xi ħadd li jkun magħruf bħala li jgħajjen jew għandu fama ta' saħħar jew saħħara.

***Min jgħajjen l-iżjed?***

Ħadd ma għandu jieħu għalih, imma hu fatt magħruf minn kulħadd li n-nisa għandhom fama iżjed mill-irġiel li jgħajjnu. U aktar ma mara tkun kerha u xiħa, aktar tieħu fama malajr li tgħajjen. Il-ħelwa hi li xi nisa jemmnu fihom infushom li jgħajjnu. Waħda mara li kellha r-raġel jaħdem bil-magna kienet temmen li tagħjjen il-magna. Kumbinazzjoni l-magna dejjem kienet titħassar meta jkun hemm hi. Allura kont tismagħha tgħid, "*Ara, ħa mmur 'l hemm għax 'k noqgħod hawn jien ma taħdimx!*"

***Ħinijiet ta' risq ħażin***

L-għajn hija risq ħażin. Dwar dan m'hemm l-ebda dubju. Imma mbagħad anki l-ħinjiet għandhom ir-risq ħażin tagħhom. Mhux sewwa toħroġ tiġri barra minn nofsinhar sas-siegħa għax joħorġu l-erwieħ u jistgħu jidħrulek u tiltaqa' magħhom. Dari bejn nofsinhar u s-siegħa kienu jxarrbu t-triq biex itaffu t-tbatijiet ta' l-erwieħ min-nirien. Minn nofs-il-lejl sas-siegħa ta' bil-lejl jidhru x-xjaten. Toqgħodx quddiem mera f'dawk il-ħinijiet. Minn nofs-il-lejl sal-Pater Noster huwa l-ħin meta joħorġu tas-Setta. L-irjieħ ivenvnu jistgħu jkunu nies tas-Setta għaddejjin itiru wara li jkunu ndilku bid-dlik tas-seħer.

***Jiem, xhur u numri ta' risq ħażin***

Il-Ġimgħa hi l-aktar jum risqu ħażin għax kien f'dan il-jum li Ġesù safa mislub fuq is-salib. In-numru 13 l-aktar numru risqu ħażin, għax ta' Ġuda. Is-17 hu n-numru tad-diżgrazzji. Il-Ġimgħa, 13 tax-xahar, ġurnata risqha ħażin doppjament. Tibdiex xogħol ġdid nhar ta' Ġimgħa, aħseb u ara jekk taħbat fit-13 tax-xahar. L-aktar xahar risqu ħażin hu Mejju, ix-xahar tad-diżgrazzji. Jingħad li ħadd m'għandu jiżżewweġ f'dan ix-xahar, għax iż-żwieġ jispiċċa ħażin.

(jissokta fil-ħarġa li jmiss)



**Ray's Catering Service**

Caterer for all occasions

Contact: Mr. Ray Vella

"Dawn"
Guze Ellul Mercer Street,
Nadur, NDR 104 - Gozo.
Tel/Fax: 553543

**Occasions**

*Wedding Dresses for Sale/Hire, Formal Hire of Suits, Occasional Dresses, Hats for Hire, Material, Accessories, Souvenirs, Invitations, Wedding List, Flower Arrangements, Limousine and Taxi Hire, Dry Cleaning Service.*

*Guze Labre Street, Victoria, Gozo*
*Tel/Fax: 562531*

**PLAYPEN**

**Toys & Stationery**

***• Stationery • Magazines • School Books • Model Kits • Colour Photocopies • Black and White Potocopies • Binding in softback, hardback and lamination.***

**30, Main Gate Street, Victoria - Gozo**
**Tel: 561107**

**RAINDROPS LTD.**

Bringing Nature into Your Home

*Are you planning your wedding or home decoration?*
*Whatever your taste, you're sure to find exactly*
*what you're looking for at Raindrops Ltd.*
*The wide help at a price much lower than you think.*

*Shop: Raindrops, Main Gate, Street, Victoria*
*Tel: 554114, 551254*
*Office: Raindrops, Borg Gheritu Street, Victoria*
*Fax: 561489*

**MAXXIS®**

**TIRES**

Sole Agent

**BELLUSA**



Tel: 553885 - 552688

**S. SPITERI CATERING EQUIPMENT SUPPLIES**

**Wide range of Supermarket Equipment**

***Slicers - Electronic Scales - Cheese Graters***
***Vacuum Packers - Diary Displays***
***Cheese Counters - Island Freezers***

Mons. P. Pace Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 560779, 0949 8236
Fax: 559639

**BOGI AUTO LTD**

- **Spare Parts**
- **Batteries**
- **Accessories**

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 551 070 • Fax: 563 073

**SWEET SENSATIONS**
**CONFECTIONERY**

*For Cakes, Gateau,*
*Pastries & Confectionery*
*Jesmond & Maryanne Borg*

55, St. Joseph Sqr.,
Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277




# IL-MUŻEW TAL-FOLKLOR

## (It-Tieni Parti)

### *Il-bir tax-xewqat*

Minn hawn wieħed jidħol fi speċi ta' kuritur żgħir li fih hemm bir ieħor. Dan huwa bir niexef, f'forma ċilindrika. It-turisti biddlu dan il-bir f'bir tax-xewqat tajba. In-nies titfa' xi biċċa tal-flus u tagħmel ix-xewqa tagħha. Min jaf kemm iseħħu minn dawn ix-xewqat? Insomma kultant, ġeneralment fi żmien il-festi tal-Milied, il-flus jinġabru u jingħataw għall-karità.

### *Għodod agrikoli*

F'dan il-kuritur hemm għall-wiri għadd ta' għodod tal-bdiewa bħal ngħidu aħna: il-midra, il-luħ, il-furkettun, il-kruċ, l-imgħażqa, ix-xatba, il-lexxuna, iz-zappuna u l-fiesa. Fuq in-naħa l-oħra tal-kuritur insibu karrettun ta' l-injam żarmat u naraw ukoll il-barda jew ix-xedd flimkien mal-pannell u l-maħanqa għall-bhima li kienet tiġbed il-karrettun.

### *Il-mitħna tal-miexi*

Is-sular t'isfel jispiċċa fl-ikbar kamra tal-mużew kollu, dik tal-mitħna tal-miexi. Tissejjaħ hekk għaliex din it-tip ta' mitħna kienet iddur bil-ġbid tal-bhima li kienet tkun marbuta mal-miġbed tal-mitħna. Dawn l-imtieħen huma ħafna eqdem mill-imtieħen tar-riħ, u peress illi kienet miġbuda minn bhima, kienet taħdem dejjem mhux bħal tar-riħ li kienet tiddependi mir-riħ u mill-burdata tiegħu. Il-bhima kienet tkun xi bagħal jew xi debba peress li riedet tkun b'saħħitha mhux ħażin. Fil-fatt anke llum ngħidu għal xi ħadd li jkun mibni b'saffejn "*Qisu bagħal ta' mitħna*", għalkemm kulltant nużaw din l-espressjoni f'sens differenti meta ma nżidux "*Alla jbierku*".

Mela fin-nofs tal-kamra nsibu l-mitħna, li m'hix dik oriġinali. Din hija mibnija l-parti l-kbira minn ġebel, njam u ftit ħadid. Il-ġebla ta' fuq, dik tonda, li ddur biex tisħaq l-qamħ jew il-maħlut u ġġibu dqiq, hija magħmula minn ġebla tal-lava, li kienet tiġi mpurtata minn Sqallija, peress li fil-Gżejjer Maltin m'għandniex ġebel volkaniku. Din il-ġebla hija maqsuma f'ħames biċċiet biex tkun tista' tinġarr b'inqas tbatija, imbagħad il-biċċiet kienu jintrabtu flimkien b'ċinturin tal-ħadid. Kienet tintuża din il-ġebla jew inkella ġebla tal-qawwi peress li dawn ma jitfarrkux bħalma tagħmel il-ġebla tal-franka. Il-ġebla ta' fuq qegħda fuq il-ġebla ta' taħt, li qisa mejda tal-ġebel. F'nofs din il-mejda hemm ħofra li minnha tgħaddi l-laqqata li f'dan il-każ hija tal-ħadid, li fuqha qegħda sserraħ il-ġebla ta' fuq. Il-laqqata tingrana ruħha mad-dawwara, dik ir-rota ta' l-injam kollha ngranaġġi li tinsab kważi ċatta mal-qiegħa tal-art. F'nofs id-dawwara hemm ingastat arblu kwadru li jibqa' tiela sas-saqaf fejn fir-ras tiegħu hemm puntell li huwa mdaħħal ġo tavlun biex ikun jista' jdur bla ma' jaqa'. Minn kważi nofs l-arblu ħiereġ il-miġbed li miegħu tkun marbuta l-bhima li ddawwar kollox. Fuq il-ġebla ta' fuq hemm id-delu li fih jintefa' l-qamħ jew il-maħlut u minnu jibda nieżel bil-mod il-mod fit-toqba tan-nofs biex jintaħan u jsir dqiq. Fil-ġenb tal-mejda kienet titqiegħed xkora biex tilqa' d-dqiq.

Mal-ħitan ta' din il-kamra nsibu għeriebel ta' kull daqs maħdumin mill-ġlud ta' l-annimali, partijiet minn imtieħen tal-miexi, karrettun ieħor għall-ġarr tal-ġebel, imħaret taż-żewġ u tal-wieħed u għatla biex inaddfu

biha s-sikka tal-moħriet. Insibu wkoll żewġ imtieħen żgħar tal-idejn li l-aħħar li ntużaw kien matul l-aħħar gwerra. Fl-art hemm romblu tal-franka għat-tballit tal-art meta kienu jippreparawha fi żmien id-dris. Naraw ukoll magna għat-tfesdiq tal-qamħ li dari konna nilmħu fl-egħlieqi tagħmel ix-xogħol fil-bidu tas-sajf. Kont tara familji sħaħ jgħinu lil xulxin fi żmien il-ħsad u żmien id-dris. Ix-xogħol tad-dris kien jibqa' sejjer sa bil-lejl biex jeħilsu u fl-istess ħin jiskansaw is-sħana ta' matul il-ġurnata.

## *Żewġ turġien*

Hekk kif wieħed jibda' tiela' fuq mit-taraġ li jinsab fl-intrata, f'nofsu fuq il-lemin, jilmaħ il-maħżna, fejn kien jinħażen l-ikel għall-bżonnijiet tal-familja. Illum naraw fil-maħżna żewġ inħasi kbar tal-fuħħar li kienu jinġiebu mit-Tuneżija u li kienu jkunu mimlija biż-żejt. Jidhru ukoll xkejjer li fihom kienu jerfgħu l-patata, basal u dqiq. Fuq ir-riħ tat-taraġ, fuq ġenb ta' ħnejja, maġenb din il-maħżna hemm skultura tad-Duluri fil-ġebla maltija. Kif wieħed jinnota din ix-xbieha kienet imdawwra b'pittura dekorattiva.

Kif dak li jkun jitla' f'ras it-taraġ jilmaħ pjanta tal-post kif ukoll l-istorja tad-dar li fiha bħalissa qed nagħmlu din il-mawra. Fuq ix-xellug hemm taraġ ieħor, did-darba ta' l-injam. F'nofs dan it-taraġ, hemm mdaħħla fil-ħajt, żewġ armarji bħalma wieħed isib f'ħafna mid-djar antiki. Fihom hemm esebiti buġija tal-metal li kienet tintuża biex iżżomm ix-xema' u hemm ukoll imnara tal-fuħħar. Din kienu jpoġġu fiha musbieħ ġol-ftuħ li hemm f'nofsha biex meta joħorġu barra ma jintefiex.

## *Id-dar tas-servitù*

Minn hawn wieħed isib ruħu f'setaħ żgħir. Fil-ħajt ta' fuq il-lemin kif ukoll dak faċċata tiegħu




1. Arblu
2. Miġbed
3. Delu
4. Ġebla ta' fuq
5. Ġebla ta' taħt jew mejda
6. Madmad
7. Dawwara
8. Laqqata
9. Post għax-xkora
10. Reġistru

hemm it-toqob tal-barumbari li fihom kienu jitrabbew il-ħamiem. Dan it-tajr ma kienx jitrabba għall-gost biss, imma, aktar biex il-familja ssib xi par bċieċen għall-borma. Hawn min jgħidlek li ebda laħam ma jagħmel ftit meraq tal-brodu tajjeb daqs dak tal-bċieċen.

Il-kmamar li jiffurmaw din il-parti tal-Mużew jidhru li huma differenti mill-kumplament tad-dar. Fil-fatt il-kmamar huma iżgħar fil-kobor, is-soqfa huma iktar baxxi, u huma wkoll aktar umdi. Dan kollu juri li din il-parti kienet okkupata mis-servitù tal-familja.

## *Il-ħdim tal-ħajt*



**Raddiena ta' l-għażel tat-tajjar**

Fil-ktieb tiegħu *"Xogħol u Snajja ta' l-Imgħoddi"*, Ġużè Galea jikteb hekk dwar ix-xogħol tat-tajjar: *"Ix-xogħol tal-qoton kien iħaddem ħafna nies: dawk li jiżirgħuh, dwak li jiġbruh, dawk li jaħilġuh, dawk li jdoqquh, dawk li jreddnuh u dawk li jinsġuh...*

*It-tajjar jindaqq biex jinbaram fi ħjut aktar malajr u sewwa. Aktar ma t-tajjar jindaqq tajjeb, aktar jinbaram fi ħjut irqaq u fini u twal għalhekk aktar jintisġu drappijiet sħaħ u sbieħ...*

*Id-daqqaq kien joqgħod bil-qiegħda fuq banketta baxxa quddiem għarma tajjar maħluġ; b'idu x-xellugija kien iżomm id-deffa li magħha kellha mwaħħla lasta twila jew qaws. Il-watar min-naħa waħda kien marbut ma' ras il-lasta, u min-naħa l-oħra kien jgħaddi minn fuq il-pinna tad-deffa u jintrabat ma' l-ilġiem taħt id-deffa; b'dak l-irbit l-watar kien ikun miġbud u ssikkat qisu korda ta' arpa. Il-lasta kienet imwieżna b'lenza mal-għakkies magħmul minn xi tnax il-qasba weqfin u marbutin flimkien... id-daqqaq b'idu l-leminija kien iżomm iċ-ċikk, biċċa għuda romblija daqs xiber, dejqa fin-nofs mnejn tinħakem u tispiċċa fuq u isfel f'żewġ irjus imdawrin b'ħanek.*

*Id-daqqaq kien jagħti bil-ħeffa daqqa wara l-oħra bil-ħanek ta' ras iċ-ċikk fuq il-watar u kif dan jibda jivvibra jgħaddih ħafif ħafif ma' wiċċ il-għarma tal-maħluġ u bit-tregħid tal-watar minnufih jintifex, jitfettaħ u jeħfief, jitpaħpaħ u jirtab; kull erba' jew ħames daqqiet biċ-ċikk id-daqqaq kien jagħti oħra aktar qawwija biex il-watar aktar jitheżheż u jwaddab it-tajjar imdaqqaq fil-ġenb."*

Kemm kliem u ismijiet ta' għodda li kienu jsebbħu l-lingwu tagħna llum intesew.



**Magna tal-Ħalġ tat-tajjar**

Fl-ewwel kamra nsibu għall-wiri għodod li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tal-ħajt. Fl-art hemm tliet imkabeb ta' daqs differenti li fuqhom kienu jitkebbu l-marelli tat-tajjar u tas-suf. Hemm ukoll ir-raddiena tal-ħalġ li biha kienu jifirdu ż-żerriegħa minn mal-qoton. Insibu wkoll raddiena akbar li xogħolha kien li taħdem l-imsierek tat-tajjar, imbagħad imdendel mis-saqaf hemm miżien bil-kfief tal-ġummar u mraqqa' bid-drapp tax-xkora, li bih kienu jiżnu l-qoton. Fil-ħitan hemm armarji oħra li juru pasturi jagħmlu xogħol marbut mas-sengħa tal-ħajt. Il-pasturi juru wieħed jaħleġ il-qoton, oħra tagħżel it-tajjar u mara oħra tkebbeb it-tajjar f'marelli waqt li hemm mara oħra taħdem il-bizzilla. Dawn qegħdin flimkien ma' għodod li kienu jintużaw f'din is-sengħa bħal imgħażel, raddiena taċ-ċumbini u ċumbini.



*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

Tony Camilleri

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji irrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo

Tel. 553352 / 562211 - Mob. 099 5001 - Fax 562211




**ISSA TISTA' THAWWAR IL-BORMA BĦAL DARI!**

ISSIB, ĦWAWAR, ĦXEJJEX AROMATIĊI, FROTT IMQADDED GĦALL-ĦELU U PRODOTTI OĦRAJN GĦAL-IKEL.

14-15 KERĊEM RD. VICTORJA, VLP 104 GOZO. TEL: 562160

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## Ħarsa lejn il-Futur

Min jaħseb li x-xjenza ftit baqagħlha x'tiskopri għax dak kollu li kellu jkun mikxuf kien skoprut f'dawn l-aħħar 100 sena, jkun żbaljat. Hekk ġralu 100 sena ilu Charles Duell li kien il-kummissarju tal-Uffiċċju ta' l-Invenzjonijiet tal-Amerika, li fil-1899 kien talab lill-President Amerikan McKinley biex jagħlaq l-organizzazjoni tiegħu għax ħaseb li dak kollu li jista' jkun ivvintat kien ġa vvintat!

F'dawn l-aħħar 300 sena tant saru invenzjonijiet u skoperti, li issa dak li x-xjenzjati tal-lum u tal-futur għandhom jagħmlu huwa li jtejbu u jipperfezzjonaw dak li ġa għandna. Din it-tendenza tinħass kull tant numru ta' snin, iżda minn żmien għal żmien dejjem inħoloq xi ġenju li għamel xi skoperta ġdida. Hekk nistgħu ngħidu għal Leonardo da Vinci, Einstein, Ernest Rutherford, Marie Currie u xjentisti kbar oħra li qalbu d-dinja bl-iskoperti tagħhom. Meta xi kittieba bħal Jules Verne kienu jiktbu fuq affarijiet futuristiċi ftit kienu jitwemmnu tant li dan il-viżjonarju Franċiż meta fl-1863 kiteb il-ktieb tiegħu *Pariġi fis-Seklu 20* ħadd ma ried jippubblikahulu. Ir-raġuni kienet li ħadd ma emmen li l-affarijiet bħal karozzi bil-magna, ferroviji ta' l-elettriku, dawl elettriku u *fax machines* li semma Verne setgħu isiru realta`. Il-ktieb kien ippubblikat fl-1994! Verne kien kapaċi josserva dawk l-affarijiet ta' madwaru u b'immaġinazzjoni straordinarja irnexxielu ibassar affarijiet tal-futur. llum xorta jistgħu jsiru invenzjonijiet u skoperti ġodda, u fuq l-istess prinċipju li mexa Verne fuqu illum nistgħu nbassru xi invenzjonijiet li jistgħu jseħħu fil-futur.

### Kompjuters

Qasam li nħoloq totalment tista' tgħid f'dawn l-aħħar 20 sena hu dak ta' l-informatika. F'dawn l-aħħar 20 sena x-xjenza ta' l-elettronika għamlet passi ta' ġgant. Illum il-kompjuter sar biċċa apparat tant komuni li fil-pajjiżi zvilluppati f'kull dar issib komjuter jew tnejn. Hekk kien ippreveda l-fundatur tad-*Digital Equipment Corporation*, Ken Olsen, 22 sena ilu. Għal dak iż-żmien dan kien kliem profetiku li juri x'viżjoni kellu dan il-bniedem. Bniedem ieħor li kien għaraf il-qawwa kbira tal-kompjuters kien Gordon Moore li vvinta c-*chip* ta' l-*Intel processor.* Moore kien qal li l-qawwa tal-kompjuters tirdoppja kull 18-il xahar. Bl-avvanzi li qegħdin isiru f'dan il-qasam il-ħeffa u l-qawwa tal-kompjuters saret xi ħaġa ta' l-għaġeb u fil-futur nibdew nisimgħu bil- *quantum* kompjuters li jaħdmu l-elektrons. Sas-sena 2020 dawn jistgħu jsiru realta`. Għalhekk wieħed jista' mil-lum jimmaġina kompjuters li jitkellmu, jisimgħu, jaraw u jitgħallmu bħal bniedem. Il-realta` virtwali tant tista' titjieb li d-dinja issir post wieħed.

### Genes

100 sena ilu ħadd ma kien jaf bid-DNA, il-*genes* u kif dawn jilgħabu parti integrali fil-mekkaniżmu ta' kif ċerti karetteristiċi tal-bniedem igħaddu mill-ġenituri għall-ulied. Dan il-proċess jeżisti wkoll fl-annimali u l-pjanti. Illum ix-xjentisti wasslu biex jiktbu kodiċi ta' sekwenzi ta' dawn il-*genes* li jiffurmaw il-binja tal-kreaturi kollha. Dan il-proġett (*Human Genome Project*) ilu sejjer għal numru ta' snin u sas-sena 2003 ikun lest. Permezz ta' dan il-proġett il-bniedem ikun kapaċi jkun jaf il-kawża ta' ħafna mard u allura tkun tista' issir xi manipulazzjoni ġenetika biex il-marda titfejjaq. Fost mard li ikun jista' jitfejjaq hemm il-kanċer, mard serju

mentali u mard ieħor ġenetiku. Naturalment kull manipulazzjoni ma għandiex tkun egoistika iżda magħmula għall-ġid ta' kulħadd. Dan huwa biss parti mill-isfida tal-futur f'dan il-qasam. It-tieni pass: il-formazzjoni ta' proteomi li finalment u teoretikament jista' jwassal biex il-bniedem "joħloq" il-ħajja u jwaqqaf il-proċess tax-xjuħija u anke l-mewt, jiġifieri jikseb l-immortalita`. Iżda hawnhekk jkollna l-bniedem jilgħabha ta' Alla. Sa fejn jista' jasal il-bniedem?



**Astronomija**

Fil-qasam ta' l-astronomija l-iktar mistoqsija interessanti hija din: Hemm ħajja oħra barra dik fuq id-dinja tagħna? L-univers huwa immens, hemm madwar 100 biljun stella fil-galassija tagħna, jew it-Triq ta' Sant'Anna. Galassiji hemm madwar 100 biljun oħra. Meta wieħed jikkonsidra din l-immensita` mhix ħaġa impossibli li teżisti xi tip ta' ħajja x'imkien ieħor. Sal-lum l-iktar pjaneta li qiegħda tkun mistħarrġa hija Mars. Hemm min jaħseb li sas-sena 2020 il-bniedem ikun jaf jekk teżistix xi tip ta' ħajja x'imkien ieħor.

**Mard**

X'hemm fil-futur fil-qasam tal-mediċina? L-aħħar 100 sena kienu suċċess kontinwu għall-mediċina speċjalment fil-kura u t-tnaqqis ta' mard infettiv. Mard bħal pesta, il-polio u l-ġidri nqerdu. Fl-istess żmien mard ġdid bħal AIDS ħoloq tħassib ieħor. Madankollu llum sar progress sinifikanti u llum hemm mediċini li qegħdin inaqqsu l-qerda ta' din il-marda. Kura definittiva għadha ma' teżistix u fil-futur tista' tinstab tilqima kontra dan il-virus. Hemm min jaħseb li ċerti infezzjonijiet ser jerġgħu jwaqqfu rashom u jagħmlu ħerba mill-ġdid. Għal oħrajn dan il-biżgħa mhux ġustifikat. Ħafna mill-imwiet minħabba infezzjonijiet għadhom jiġru minħabba faqar u indifferenza mill-gvernijiet tal-post jew nuqqas ta' servizzi tas-saħħa, u mhux għax ma hawnx kura. Fid-dinja żviluppata min-naħa l-oħra l-użu żejjed ta' ċerti antibiotiċi qiegħed joħloq sitwazzjoni fejn ċerti mikrobi qegħdin isiru resistenti għal dawn l-mediċini u dawn saru ineffettivi. Illum l-iktar post fejn tista' tlaqqat xi infezzjoni huwa mill-isptar. Għalhekk it-teknoloġija moderna trid tibqa' turi il-ħila tagħha billi tivvinta mediċini ġodda biex l-infezzjonijiet jkunu mrażżna kontinwament. Mard li għandu x'jaqsam mas-sistema immunitarja u mard deġenerattiv tas-sistema nervuża jista' jiżdied fil-futur.

Kollox ma' kollox il-futur mhux daqstant imċajpar u hemm affarijiet fantastiċi li għad iseħħu mhux fiż-żmien 'l bogħod. Kollox jiddependi mill-imġieba tal-bniedem stess, li jekk irid jista' jeqred lilu nnifsu f'ħakka t'għajn.

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 553500


GELAT TA' VERU...
...DOQTU???
BAXAN ORIGINAL
SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
IL-MENQA - MARSALFORN - GOZO
TEL: 551005 - 551983 FAX: 559959




# *Preżentata t-Tmien Edizzjoni ta' l-Annwal tal-Futbol Għawdxi*



Dan l-aħħar waqt ċerimonja li saret fil-Kumpless Sportiv fir-Rabat kienet preżentata t-tmien edizzjoni ta' l-Annwal tal-Futbol Għawdxi mill-editur Joe Bajada. Din l-edizzjoni tinkorpora l-aħħar tliet staġuni 1997-2000. Dan l-Annwal fih rekord ta' paġni, 156 paġna mimlija riżultati u statistiċi flimkien ma' iktar minn 370 ritratt. Tispikka l-faċċata bil-kulur bit-timijiet ta' Xagħra United, Nadur Youngsters u Victoria Hotspurs *champions* ta' l-aħħar tliet staġuni, kif ukoll dak ta' Gozo FC meta ġew promossi għall-*Premier*. F'dan l-Annwal wieħed isib dak kollu li jirrigwardja kull kampjonat u kompetizzjoni oħra organiżżata f'Għawdex.

Joe Bajada f'messaġġ li għamel qal li dan l-Annwal fih tliet staġuni f'daqqa minħabba l-fatt tad-diversi impenji li kellu dan l-aħħar, fejn f'waqtiet, il-kontinwazzjoni ta' din il-pubblikazzjoni kienet dehret fil-periklu li tieqaf. Iżda fuq insistenza ta' bosta, flimkien mad-determinazzjoni tiegħu li jibqa' jkun ta' servizz, dan ix-xogħol kollu issa jinsab għad-dispożizzjoni tad-dilettanti sportivi. Dan il-ktieb huwa dedikat għall-mibki Francis Cremona, ex-player ta' Salesian Youths. Joe Bajada sellem lil GFA u l-clubs kollha Għawdxin li bla dubju huma l-protagonisti prinċipali f'dan l-Annwal. Filwaqt li radd ħajr lil dawk kollha li taw l-għajnuna f'din il-pubblikazzjoni, huwa rringrazzja b'mod speċjali lil dawk il-kumpaniji u d-ditti li għoġobhom jirreklamaw għax mingħajr l-għajnuna tagħhom ma kienx ikun possibli li jiġi stampat dan il-ktieb. Finalment Bajada wera l-apprezzament tiegħu lejn

*Portelli Print* li stampaw il-ktieb b'mod mill-iktar professjonali.

L-Avukat Chris Said, President tal-GFA kellu kliem ta' tifħir għal din il-pubblikazzjoni għal darb'oħra ippreżentata mill-PRO tal-GFA. Dr. Said semma l-importanza li dak kollu li għadda minnu l-futbol Għawdxi qed jiġi rekordjat b'mod attraenti u huwa mportanti ħafna li din il-minjiera ta' nformazzjoni qed tkun ippublikata. Dan kollu juri x-xogħol fejjiedi li qed tagħmel l-GFA, kif ukoll il-progress li għamel il-futbol Għawdxi. Il-President tal-GFA temm il-messaġġ tiegħu billi reġa' feraħ lil Joe Bajada mhux biss għal preżentazzjoni oħra ta' l-Annwal, iżda wkoll għall-ħidma kollha tiegħu kemm fil-qasam tal-ġurnaliżmu sportiv, kif ukoll f'dik li hija tmexxija tal-Bord Sportiv Għawdxi. Huwa temm jappella lid-dilettanti sportivi kollha biex jakkwistaw kopja ta' dan il-ktieb.




Finalment f'diskors li għamlet, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono wriet is-sodisfazzjoni għal pubblikazzjoni oħra li ħarġet b'xogħol siewi ta' Joe Bajada u b'hekk kompliet il-kontinwazzjoni ta' dan l-Annwal. Hija stqarret l-importanza tal-pubblikazzjoni għax biha wieħed ikun jista' janalizza kemm qed isir miljorament fil-kamp tal-football Għawdxi. Il-Ministru Debono wegħdet kull għajnuna possibli biex il-futbol u l-isports Għawdxi in ġenerali jkomplu mexjin b'ritmu progressiv.

Dan l-Annwal jista jinkiseb minn għand l-awtur, mill-*Universal Sports Bar & Grill* u mill-ħwienet ewlenin tar-Rabat. Fir-ritratt Joe Bajada jidher jippreżenta kopja tal-ktieb lid-Direttur Customer Services fil-Ministeru għal Għawdex John Cremona, li għal missieru Francis hija dedikata din l-edizzjoni.





# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

- William Shakespeare kellu ħdax-il mod differenti kif jispelli kunjomu!
- Sas-sena 1819 persuna li kienet tinqabad taqta' siġra fl-Ingilterra kienet teħel piena ta' mewt.
- Fi żmien il-Greċja l-Antika, l-eta` ta' mara kienet tibda tiġi kalkulata mill-jum tat-tieġ.
- Ix-xmara Nil iffriżat darbtejn fl-istorja tagħha - fis-seklu disa' u fis-seklu ħdax.
- Kienet biss persuna waħda li mxiet wara t-tebut ta' Mozart fit-triq lejn iċ-ċimiterju.
- Supertanker mgħobbi sa snienu u miexi b'veloċità normali, irid 20 minuta biex jieqaf.
- Il-Ħajt il-Kbir taċ-Ċina dam jinbena 1,700 sena.
- F'Los Angeles hemm aktar karozzi milli nies.
- Nofs id-dinja toqgħod f'erba' pajjiżi biss - iċ-Ċina, ir-Russja, l-Amerika u l-Indja. In-nofs l-ieħor huwa mqassam f'160 pajjiż ieħor.
- L-iġmla slavaġ jinsabu biss fil-kontinent Awstraljan
- William Shakespeare kien l-ewwel bniedem li uża l-kelma '*lonely*'.
- 80% tas-sħana tal-ġisem toħroġ mir-ras.
- Sahara tfisser "deżert" bl-Għarbi.
- L-għoti ta' numru lil kull dar beda fl-1764.
- Kantanta Amerikana tar-*rock* mietet fl-4 ta' Ottubru 1970. Fit-testment tagħha ħalliet $2,500 "*so that my friends can get blaster after I'm gone.*".
- Iż-żwiemel jistgħu jorqdu waqt li jibqgħu bil-wieqfa.
- L-Amerika ma kellhiex innu nazzjonali qabel is-sena 1931.



***Kont taf li l-Beatu ġdid Dun Ġorġ Preca, meta kien tfal, ra l-mewt ma' wiċċu darbtejn? Darba kien ser jegħreq u darb'oħra ġie mdendel minn fuq iċ-ċinta ta' knisja!***

*(Mill-ktieb "Dun Ġorġ, il-ħabib tat-tfal" ta' Ġorġ Borg, paġni 9-10)*



# Bortelli Woodworks

**For all kind of Furniture and Home appliances, Office Desks and Chairs, Filing Cabinets and Cupboards.**

*Workshop:*
26, P.P. G.M. Camilleri Str.,
Għarb, Gozo.
**Tel./Fax: 560020**

*Showroom:*
Borg Oliver Str.,
Victoria, Gozo.
**Tel: 564664**

**Mobile: 0940 5295**



Ask for Bernard...With 25 Years of Experience




LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE
TRIQ FORTUNATO MIZZI, VICTORIA, VCT 111 - GHAWDEX
TEL: 560496/7 FAX: 561860

Kotba
u rigali
reliġjużi








Kull xorta ta'
Stationery u
kiri ta' Videos
edukattivi

Servizz ta'
Photocopying u
bejgħ ta' karta

**Ħinijiet tal-Ftuħ**
**mit-Tnejn sas-Sibt**
**9.30a.m. - 12.30p.m.**
**5.00p.m. - 9.00p.m.**

# Forsi m'għandekx żmien taqra l-kotba kollha (madwar 120 wieħed) li kiteb Dun Ġorġ Preca...




**Hawn għandek l-essenza tat-tagħlim tiegħu miġbur fil-qosor.**

**Il-pariri spiritwali ta' dan l-ewwel Beatu ta' Malta huma teżor dejjiemi tal-verità li writna!**

## *Akkwistah! Aqrah! Imxi fuqu!*

***Ktejjeb ta' 50 paġna ppubblikat għall-okkażjoni tal-***
***BEATIFIKAZZJONI TA' DUN ĠORĠ PRECA***

**mil- LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS**

***Jinbiegħ 50c minn għand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex.***